

It-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija tad-djar privati bl-RRF

Appoġġ finanzjarju wiesa', iżda bi dgħufijiet fis-sisien



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

01–14 | **Messaġġi prinċipali**

01–04 | Għaliex huwa importanti dan il-qasam?

05–14 | X'sibna u x'nirakkomandaw

15–69 | **Fl-arsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna**

15–31 | **Il-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-RRF huma mxekkla minn nuqqasijiet strutturali**

17–26 | Il-miżuri ta' rinnovazzjoni tal-RRF ma jimmirawx direttament lejn ir-rinnovazzjonijiet profondi

27–31 | Ir-riformi ma ġewx iddefiniti b'mod ċar u l-effett tagħhom fuq l-investimenti u l-iffrankar enerġetiku ma ntweriex

32–69 | **Kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni u dgħufijiet fil-monitoraġġ tal-iffrankar enerġetiku**

33–40 | Miżuri kumplessi ta' investiment fir-rinnovazzjoni ffaċċjaw dewmien fl-implimentazzjoni u r-reviżjoni meħtieġa

41–61 | L-informazzjoni dwar l-iffrankar enerġetiku ma kinitx affidabbli, kumparabbli, jew dettaljata biżżejjed biex tintuża għall-monitoraġġ sinifikattiv tar-riżultati

62–69 | Il-kosteffettività tal-miżuri ta' rinnovazzjoni tal-bini ma tiġix traċċata

Annexsi

Annexs I — Dwar l-awditu

Annexs II — Lista ta' miżuri awditjati

Annexs III — Valutazzjoni mill-QEA dwar il-fattibbiltà tal-miżuri

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

01


Messaġġi prinċipali

Għaliex huwa importanti dan il-qasam?

- 01** Il-bini residenzjali kien jirrappreżenta 26 % tal-konsum tal-enerġija fl-UE fl-2023¹, u t-tnaqqis ta' din iċ-ċifra huwa kruċjali biex l-UE tilħaq il-miri tal-enerġija tagħha. L-UE u l-Istati Membri tagħha ilhom jieħdu azzjoni għal ħafna snin biex itejbu l-effiċjenza fl-enerġija tal-istokk tal-bini. Il-finanzjament mill-UE normalment kien jiġi pprovdut prinċipalment permezz tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Mill-2021 'il hawn, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) — li tirrikjedi li proporzjon sinifikanti ta' finanzjament (37 %) jiġi ddedikat għall-miri tal-klima u tal-enerġija — offriet lill-Istati Membri l-opportunità li jagħtu spinta lit-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tal-bini residenzjali. Barra minn hekk, fil-[proposta tagħha għall-baġit tal-UE għall-perjodu 2028–2034](#), il-Kummissjoni inkludiet l-għażla li tkompli tiffinanzja r-rinnovazzjonijiet.
- 02** Skont id-*data* disponibbli f'Jannar 2026, l-Istati Membri ppjanaw li jonfqu EUR 43 biljun f'finanzjament mill-RRF direttament fuq miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali. Dan jikkorrispondi għal madwar 8 % tal-fondi totali disponibbli mill-RRF u 17 % tal-kontribuzzjoni għall-miri tal-klima u tal-enerġija. Il-[Figura 1](#) tippreżenta tqabbil ulterjuri mal-baġit tal-UE għall-effiċjenza fl-enerġija taħt il-fondi ta' koeżjoni.

¹ [Energy statistics – an overview](#), il-Figura 10, l-Eurostat (Mejju 2025).

Figura 1 | Finanzjament mill-UE għall-effiċjenza fl-enerġija ta' bini residenzjali



Sors: il-QEA, abbażi tad-[data](#) dwar il-koeżjoni u l-bażi ta' [data](#) tal-Kummissjoni għall-RRF (FENIX).

- 03** Dan l-awditu eżamina jekk il-miżuri tal-RRF (kemm l-investimenti kif ukoll ir-riformi) ikkontribwewx għall-effiċjenza fl-enerġija tal-bini residenzjali b'mod effettiv u kosteffettiv. B'mod partikolari, ħarisna lejn jekk il-karatteristiċi ewlenin tal-istruttura tal-RRF u t-tfassil tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-RRF kinux adegwati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' rinnovazzjoni. Ħarisna wkoll lejn jekk il-progress, ir-riżultati u l-kosteffettività tal-miżuri għall-iffrankar tal-enerġija taħt l-RRF ġewx immonitorjati b'mod adegwat.
- 04** Nistennew li dan ir-rapport ikun ta' interess għall-pubbliku, billi l-Istati Membri kollha nedew skemi ta' rinnovazzjoni, li għandhom impatt fuq ir-residenti. Ir-rapport jipprovdi input għat-titjib tal-miżuri futuri tal-effiċjenza fl-enerġija ffinanzjati mill-UE fil-bini residenzjali, permezz ta' mmirar aħjar tal-miżuri. Għandu wkoll l-għan li jsaħħaħ il-mod kif jiġi kkalkulat u rrapportat l-iffrankar enerġetiku li jirriżulta minn dawn il-miżuri. Għal aktar informazzjoni ġenerali, u dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditu, ara l-[Anness I](#).

X'sibna u x'nirrakkomandaw

- 05** B'mod ġenerali, nikkonkludu li filwaqt li l-RRF ipprovdiet appoġġ wiesa' għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija tal-bini residenzjali, id-dgħufijiet fl-istabbiliment u fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rinnovazzjoni jillimitaw il-punt sa fejn dawn iwasslu għal iffrankar enerġetiku reali u kosteffettiv. Sibna li l-RRF iffinanzjat l-aktar rinnovazzjonijiet ta' profondità medja. Ir-riformi ma ġewx iddefiniti b'mod ċar u l-effett tagħhom fuq l-investimenti u l-iffrankar enerġetiku ma ntweriex. Kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni, u l-kosteffettività u r-riżultati reali tal-miżuri ta' rinnovazzjoni ma ġewx analizzati u mmonitorjati b'mod adegwat.
- 06** Qabel it-tnedija tal-RRF, il-Kummissjoni kienet diġà saħqet fuq l-importanza li jinkiseb stokk tal-bini effiċjenti ħafna, inkluż permezz ta' rinnovazzjonijiet profondi (jiġifieri b'iffrankar ta' aktar minn 60 %). Madankollu, ir-Regolament dwar l-RRF ma għamel l-ebda referenza għal rinnovazzjonijiet profondi, u l-miżuri magħżula mill-Istati Membri ma kinux immirati direttament lejn rinnovazzjonijiet ta' dan it-tip biex jintlaħqu l-oġettivi tal-enerġija tal-UE. Jekk ma jkunux ippjanati b'mod koerenti bħala l-ewwel pass lejn effiċjenza ogħla fl-enerġija, ir-rinnovazzjonijiet ħfief jew medji jirriskjaw li joħolqu effetti ta' intrappolament (il-paragrafi [17–24](#)).
- 07** Sibna li l-erba' Stati Membri magħżula għal dan l-awditu (il-Belġju, l-Italja, Ċipru u l-Litwanja) applikaw kriterji ta' eliġibbiltà meta għażlu proġetti speċifiċi ta' rinnovazzjoni għall-miżuri tal-RRF, għalkemm b'xi limitazzjonijiet. Lanqas ma wettqu valutazzjoni komparattiva tal-proġetti ta' rinnovazzjoni ppreżentati. Il-proġetti ta' rinnovazzjoni eliġibbli kollha ġew iffinanzjati mingħajr valutazzjoni komparattiva tal-kwalità. Dan potenzjalment jillimita l-fokus tagħhom fuq tipi ta' xogħlijiet li jkun jipproduċu ffrankar nominali għoli tal-enerġija (il-paragrafi [25–26](#)).
- 08** Fil-valutazzjoni tar-riformi taħt l-RRF, sibna li kemm ir-Regolament dwar l-RRF kif ukoll il-gwida tal-Kummissjoni ma kellhomx definizzjonijiet ċari ta' x'tikkostitwixxi riforma, u dan wassal għal inkonsistenzi fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) kollha taħt l-RRF. Barra minn hekk, minħabba li ma hemmx indikaturi adatti, huwa diffiċli li jitkejlu l-effetti tar-riformi tal-RRF fuq l-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u b'hekk fuq l-iffrankar enerġetiku (il-paragrafi [27–31](#)).
- 09** L-analiżi li wettaqna tal-progress tal-miżuri enfasizzat il-fatt li, fl-Istati Membri kollha tal-UE, il-maġġoranza tal-miżuri tal-RRF relatati mal-effiċjenza fl-enerġija fis-settur residenzjali ma kellhomx miri orjentati lejn ir-riżultati f'termini ta' enerġija li għandha tiġi ffrankata. L-Istati Membri segwew il-gwida tal-Kummissjoni, u bbażaw il-miri fuq l-indikaturi tal-output. Dan jillimita l-possibbiltà li jiġu vvalutati r-riżultati tal-miżuri tal-RRF f'termini ta' effiċjenza fl-enerġija u li jiġi evalwat ir-rendiment (il-paragrafi [32–35](#)).



Rakkomandazzjoni 1

Jittejjeb l-immirar tal-miżuri ta' rinnovazzjoni

Meta tivvaluta l-miżuri għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali proposti għal finanzjament taħt il-QFP li jmiss, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivverifika sa liema punt l-Istati Membri:

- (a) jinkludu r-rinnovazzjonijiet profondi;
- (b) stabbilew mira ċara għal kull miżura individwali xierqa f'termini tal-iffrankar enerġetiku li għandu jinkiseb, biex jiġi traċċat ir-rendiment fil-miżuri u fl-Istati Membri kollha u tiġi ffaċilitata l-aggregazzjoni. Jenħtieġ li l-mira tkun sostanzjata sew u tkun koerenti mat-tfassil tal-miżura, il-finanzjament ipprovdut u s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet bażi inizjali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027

- 10** Barra minn hekk, osservajna li kien hemm domanda għolja għal miżuri li huma sempliċi biex jiġu implimentati jew assoċjati ma' livell għoli ta' appoġġ, u li tali miżuri malajr jagħmlu progress. Miżuri aktar kumplessi, bħal dawk li jinvolvew iżolazzjoni tas-soqfa u tal-ħitan, iffaċċjaw dewmien fl-implimentazzjoni jew domanda baxxa, u wasslu għal reviżjonijiet fl-NRRPs. Innutajna li, minkejja r-reviżjonijiet, hemm riskju li xi miżuri tal-RRF ma jitlestewx sal-iskadenzi tal-RRF, u dan jista' jaffettwa r-riżultati miksuba (il-paragrafi [36–40](#)).
- 11** Il-Kummissjoni tneġġegħ lill-Istati Membri biex jużaw iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija bħala l-għodda prinċipali għall-kalkolu tal-iffrankar enerġetiku miksub għall-programmi kollha appoġġati mill-UE, inkluża l-RRF. Dawn iċ-ċertifikati jgħinu biex jiġi identifikat it-titjib f'bini rinnovat. Madankollu, l-informazzjoni dwar l-iffrankar enerġetiku li tinsab fiċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija mhijiex affidabbli, kumparabbli jew dettaljata biżżejjed biex tintuża għall-monitoraġġ sinifikattiv tar-riżultati. B'mod partikolari, hemm diskrepanza bejn il-konsum stmat (kif ikkalkulat permezz taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija) u l-konsum reali, billi dan tal-aħħar huma xprunat ukoll mill-imġiba tal-bniedem. In-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' din id-diskrepanza jwassal għal differenzi sinifikanti bejn l-iffrankar stmat u dak reali (il-paragrafi [41–47](#)).
- 12** F'termini ta' affidabbiltà, sibna li l-verifiki mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali fuq iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija identifikaw livell sinifikanti ta' anomaliji. L-analiżi li wettaqna taċ-ċertifikati u tal-metodoloġiji alternattivi applikati fl-Istati Membri magħżula wriet dgħufijiet addizzjonali, bħal stimuli mhux korretti tal-konsum tal-enerġija, li jaffettwaw l-iffrankar irrappurtat (il-paragrafi [48–55](#)).

- 13** Sibna wkoll li l-informazzjoni dwar l-iffrankar enerġetiku rappurtata mill-Kummissjoni taħt l-indikatur komuni 1 tkopri l-miżuri kollha tal-RRF, inklużi dawk li jikkonċernaw il-bini pubbliku jew l-intrapriżi. Madankollu, id-*data* tintbagħat mill-Istati Membri f’format aggregat li ma jippermettix valutazzjoni speċifika tal-progress tar-rinnovazzjonijiet f’bini residenzjali. Il-Kummissjoni ma tindikax b’mod ċar li l-informazzjoni dwar l-iffrankar hija bbażata fuq kalkoli teoretiċi li ma jirriflettux biżżejjed l-iffrankar reali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni twettaq verifiki tal-plawżibbiltà, iżda ma tiċċekkjax iċ-ċifri f’aktar dettall, u b’hekk tillimita l-possibbiltà li jitwettaq monitoraġġ adegwat tar-rendiment (il-paragrafi [56–61](#)).
- 14** Fl-aħħar nett, l-analiżi li wettaqna tal-kostijiet tal-appoġġ għal proġetti ta’ rinnovazzjoni taħt l-RRF uriet livell għoli ta’ varjabbiltà fil-kost għal kull unità ta’ enerġija ffrankata fl-Istati Membri magħżula, li ma ġietx analizzata aktar mill-Kummissjoni. B’mod ġenerali, il-kosteffettività tal-miżuri ta’ rinnovazzjoni tal-bini ma tiġix traċċata. B’mod partikolari, inqisu li l-miżura Taljana *Superbonus*, li kienet iffinanzjata bl-użu ta’ fondi kemm Taljani kif ukoll tal-RRF, u li kopriet sa 110 % tal-kostijiet imġarrba mir-riċevituri, ma kinitx konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, u ma kinitx tirrappreżenta użu kosteffettiv tal-fondi tal-UE. Filwaqt li l-RRF kienet maħsuba biex tkun “strument ibbażat fuq ir-rendiment”, fir-Regolament ma hemm l-ebda rekwiżit biex tiġi traċċata l-kosteffettività (il-paragrafi [62–69](#)). Fir-[Rapport Speċjali 14/2026 reċenti tagħna dwar it-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-RRF](#), indikajna dgħufijiet fil-ġbir tad-*data* dwar il-kostijiet reali u rrakkomandajna li tali informazzjoni tintuża biex jiġi vvalutat u jinkiseb użu effiċjenti tal-fondi tal-UE.



Rakkomandazzjoni 2

Isir rappurtar trasparenti dwar l-iffrankar u jiġu evalwati l-miżuri tal-RRF biex tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini residenzjali

Sabiex tivvaluta aħjar ir-riżultati tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-RRF għall-bini residenzjali, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tiddivulga aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija użata għall-indikatur komuni 1, u tispjega kif din taffettwa l-affidabbiltà tal-iffrankar irrappurtat mill-Istati Membri;

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026

- (b) tevalwa r-riżultati u l-kosteffettività tal-miżuri għall-effiċjenza fl-enerġija tal-bini residenzjali biex tislet tagħlimiet għall-programmi futuri, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell xieraq ta' appoġġ pubbliku għal miżuri ta' rinnovazzjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2028, fil-kuntest tal-evalwazzjoni ex post imwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-RRF



Rakkomandazzjoni 3

Jittejjeb it-traċċar tar-rendiment tal-iffrankar enerġetiku

Għall-QFP li jmiss, sabiex jittejjeb it-traċċar tar-rendiment tal-iffrankar enerġetiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) ittejjeb il-metodoloġija biex tiġi rappurtata b'mod affidabbli l-enerġija ffrankata mill-miżuri ta' rinnovazzjoni, inkluż billi tiegħu inkunsiderazzjoni d-differenza bejn l-iffrankar enerġetiku stmat u dak reali;
- (b) tiġbor informazzjoni affidabbli għal kull miżura rilevanti dwar ir-riżultati miksuba u l-ammonti mħallsa (finanzjament mill-UE, mill-Istati Membri u privat).

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2027

02

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

Il-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-RRF huma mxekkla minn nuqqasijiet strutturali

15 Ir-[Regolament dwar l-RRF](#) jippermetti li l-Istati Membri jfasslu miżuri li jikkontribwixxu għat-titjib tal-effiċjenza fil-bini residenzjali bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) tagħhom. Eżaminajna l-karatteristiċi ewlenin tal-istruttura tal-RRF u kif tfasslu l-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-RRF għall-bini residenzjali, b'fokus fuq it-28 miżura mfassla fl-4 Stati Membri li għażilna, li jikkonsistu fi 18-il investiment u 10 riformi (l-[Anness II](#)).

16 Stennejna li jkun hemm:


- miżuri biex jiġu mmirati b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini;
- riformi biex jiżiedu jew jiġu kkomplementati l-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija.

Il-miżuri ta' rinnovazzjoni tal-RRF ma jimmirawx direttament lejn ir-rinnovazzjonijiet profondi

- 17** Sabiex ikunu rilevanti, jenħtiegħ li l-miżuri tal-RRF għall-bini residenzjali inklużi fl-NRRPs jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-istokk tal-bini f'kull Stat Membru f'konformità mal-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija. L-ċekkijiet ta' rilevanza billi eżaminajna r-[Regolament dwar l-RRF](#), il-qafas ta' politika tal-UE għall-effiċjenza fl-enerġija u l-NRRPs, u analizzajna r-raġunijiet għall-għażliet tal-Istati Membri tal-miżuri tal-RRF u tal-proġetti sottostanti.
- 18** Id-Direttiva tal-2018 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, li hija element ewlieni tal-qafas ta' politika tal-UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (l-[Anness I](#)), kienet tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu strateġija nazzjonali ta' rinnovazzjoni fit-tul sa Marzu 2020 biex l-istokk tal-bini residenzjali tagħhom isir effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050. Biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, id-Direttiva tirreferi b'mod espliċitu għal żieda fir-“rinnovazzjonijiet profondi”, li huwa terminu li l-Kummissjoni ddefiniet fir-[Rakkomandazzjoni \(UE\) 2019/786](#) tagħha (il-[Figura 2](#)). Abbażi ta' dan, f'Ottubru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat l-istrateġija tagħha [Mewġa ta' Rinnovazzjoni](#) biex tagħti spinta lir-rinnovazzjonijiet tal-bini u trawwem rinnovazzjonijiet profondi. Il-Kummissjoni enfasizzat li bħala medja r-rata annwali ta' rinnovazzjoni profonda fl-UE kienet biss ta' 0.2 %².

² [COM\(2020\) 662](#) — Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa; il-Kummissjoni Ewropea, [Comprehensive study of building energy renovation activities and the uptake of nearly zero-energy buildings in the EU](#).

Figura 2 | Tipi differenti ta' rinnovazzjonijiet




Sors: il-QEA, abbażi tar-[Rakkomandazzjoni \(UE\) 2019/786](#) tal-Kummissjoni. Dawn huma d-definizzjonijiet applikabbli għall-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija.

- 19** Dawn l-istrategġiji nazzjonali ta' rinnovazzjoni fit-tul, flimkien ma' kwalunkwe valutazzjoni tal-ħtiġijiet addizzjonali mwettqa mill-Istati Membri qabel ma tnediet l-RRF, setgħu servew bħala bażi għad-definizzjoni ta' miżuri kosteffettivi ta' rinnovazzjoni profonda li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-istokk tal-bini nazzjonali, inkluża l-ħtieġa li jitravmu rinnovazzjonijiet profondi. Madankollu, ir-[Regolament dwar l-RRF](#) ma kienx jirrikjedi speċifikament li l-miżuri tal-RRF ikunu bbażati fuq evalwazzjoni jew valutazzjoni speċifika tal-ħtiġijiet.
- 20** Ir-[Regolament dwar l-RRF](#) jistabbilixxi rekwiżit ġenerali għall-konsistenza mal-oġġettivi tal-UE u mad-dokumenti strateġiċi nazzjonali, inklużi l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs). Il-[gwida tal-Kummissjoni](#) talbet lill-Istati Membri jindikaw fl-NRRPs tagħhom kif il-miżuri speċifiċi stabbiliti f'dawn il-pjanijiet jistgħu jiġu aċċellerati bl-għajjnuna tal-NRRPs. Madankollu, la din il-gwida u lanqas ir-[Regolament dwar l-RRF](#) ma speċifikaw kif il-Kummissjoni jenħtieġ li tivverifika dan.

- 21** Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni analizzat jekk il-miżuri proposti magħżula mill-Istati Membri kinux konsistenti mal-qafas eżistenti. Meta l-Istati Membri magħżula ddeċidew liema miżuri għall-effiċjenza fl-enerġija tal-bini residenzjali kienu se jinkludu fl-NRRPs, id-deċiżjonijiet tagħhom ma kinux ibbażati fuq evalwazzjoni jew valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifika, iżda ġeneralment irreferew għall-istrateġiji nazzjonali ta' rinnovazzjoni fit-tul. Abbażi ta' diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, ninnutaw li l-għażla tal-miżuri tal-RRF kienet influwenzata mill-perjodu relattivament qasir disponibbli għat-tnejn tal-NRRPs u mill-ħtieġa li jintgħażlu miżuri li setgħu jiġu implimentati fi ħdan il-perjodu tal-RRF (jiġifieri sa Awwissu 2026).
- 22** Barra minn hekk, ir-Regolament dwar l-RRF ma għamel l-ebda referenza għal rinnovazzjonijiet profondi. Sibna li wieħed biss mis-27 Stat Membru (ir-Rumanija) kien assoċja miżura ma' mira li tirreferi b'mod espliċitu għal rinnovazzjonijiet profondi. Il-maġġoranza tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-RRF f'bini residenzjali kienu jirrikjedu appoġġ biex jimmiraw b'ħala medja lejn mill-inqas livell ta' rinnovazzjoni ta' profondità medja, u r-rinnovazzjonijiet ta' profondità medja kienu jirrappreżentaw 83 % tal-kostijiet stmati tal-miżuri. Għas-17 % li jifdal tal-kostijiet stmati tal-RRF għall-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija fil-bini residenzjali, ma kien meħtieġ l-ebda ffrankar minimu tal-enerġija (il-**Figura 3**). Pereżempju, il-miżuri mmirati lejn bini privat fil-Belġju ma kienu jirrikjedu l-ebda ffrankar minimu tal-enerġija.

Figura 3 | Allokazzjonijiet tal-RRF għall-bini residenzjali, abbażi tar-rekwiżiti, b'diżaggregazzjoni skont l-Istat Membru



Sors: il-QEA, abbażi tad-data tal-RRF ipprovduta mill-Kummissjoni — l-aġġornament l-aktar reċenti ta' Jannar 2026.

23 Barra minn hekk, kif inhu spjegat fir-[Rapport Speċjali 14/2024 tagħna dwar it-Tranżizzjoni ekoloġika tal-RRF](#), il-Kummissjoni speċifikat li biex jitqiesu bħala ta' profondità medja skont ir-Regolament dwar l-RRF, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jenġtieg li jkollhom l-għan li jilħqu³ mill-inqas “medja ta’ 30 % tal-iffrankar tal-enerġija primarja”, li tikkorrispondi għas-soll l-aktar baxx possibbli għal din il-kategorija (il-[Figura 2](#)). Barra minn hekk, ir-rekwiżit kien japplika għall-miżura kollha kemm hi aktar milli għal kull proġett. Mill-erba’ Stati Membri magħżula, l-Italja applikat regola aktar stretta billi kienet tirrikjedi li l-proġetti kollha taħt l-RRF jilħqu soll minimu ta’ 40 % għall-iffrankar tal-enerġija. Jekk dawn is-sollijiet jintlaħqux jiddependi wkoll mill-affidabbiltà tal-istima tal-iffrankar miksub, li se neżaminaw fit-tieni parti tar-rapport (il-paragrafi [32–69](#)).

³ L-Anness VI tar-Regolament dwar l-RRF.

24 Filwaqt li l-ebda wieħed mill-Istati Membri magħżula ma kien jinkludi rinnovazzjonijiet profondi fil-miri tiegħu (il-paragrafu [22](#)), innutajna li Ċipru għażel xi proġetti ta' rinnovazzjoni profonda taħt miżura speċifika (li jirrappreżentaw 20 % tal-fondi allokat għar-rinnovazzjonijiet). Fit-tliet Stati Membri l-oħra, sibna li l-miżuri tal-RRF ma kellhomx l-għan li jippromwovu r-rinnovazzjonijiet profondi. Il-finanzjament ta' rinnovazzjonijiet li ma jżidux b'mod sostanzjali r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jirriskja li joħloq effett ta' intrappolament (il-[Kaxxa 1](#)). Diversi dokumenti ta' riċerka⁴ wissew li l-iffukar fuq miżuri moderati mingħajr ippjanar olistiku jista' jwassal għal effetti ta' intrappolament, u li d-deċiżjonijiet ta' rinnovazzjoni jillimitaw l-għażliet futuri jew iwasslu għal investimenti li huma subottimali għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul.

Kaxxa 1

Effett ta' intrappolament tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni

Effett ta' intrappolament jaf iseħħ meta rinnovazzjonijiet medji jipprevienu rinnovazzjonijiet tal-enerġija aktar profondi minħabba kostijiet addizzjonali, il-ħtieġa li jiġi rkuprat l-investiment inizjali jew raġunijiet tekniċi. Eżempji jistgħu jinkludu:

- xogħlijiet ta' iżolazzjoni mhux koordinati (mhux dejjem jistgħu jiġu applikati saffi addizzjonali)⁵;
- l-użu ta' materjali inkompatibbli ma' soluzzjonijiet futuri;
- l-installazzjoni ta' sistemi tat-tiġin/tal-miżun mingħajr ma jitqiesu xogħlijiet futuri ta' iżolazzjoni (tista' tirriżulta f'dimensjonar żejjed) jew viċi versa;
- rinnovazzjonijiet kompluti (osservati fl-Istati Membri magħżula) li jiksibu biss klassifikazzjoni tal-enerġija medja (meta aktar titjib ikun jirrikjedi dekostruzzjoni), mingħajr l-ippjanar ta' rinnovazzjoni profonda fi stadji.


Sors: il-QEA, abbażi tal-istudji u l-proġetti vvalutati.

⁴ II-BPIE, [Deep Renovation: Shifting from exception to standard practice in EU policy briefing](#); Gepts B., [Where is the potential for deep \(energy\) renovations?](#), Barbosa G. u Almeida M., [Strategies for implementing and scaling Renovation Passports](#).

⁵ Barbosa G., [Building renovation passports for affordable and digital deep renovation](#); L'Énergie en Wallonie, [Guide de la rénovation énergétique et durable des logements en Wallonie](#), il-Kapitolu 5, it-Taqsimit 2.3 u 2.7.

25 Meta ddeċidew dwar proġetti speċifiċi ta' rinnovazzjoni għall-miżuri tal-RRF, l-Istati Membri magħżula approvaw proġetti bbażati fuq kriterji ta' eliġibbiltà u ffinanzjaw il-proġetti eliġibbli kollha dment li l-finanzjament kien disponibbli. Il-**Figura 4** tippreżenta eżempji ta' kriterji ta' eliġibbiltà użati mill-Istati Membri magħżula għal dan l-awditu. Il-kriterji ta' eliġibbiltà fl-Istati Membri magħżula spiss ma kinux selettivi ħafna u ma kinux jirrikjedu li l-finanzjament jiġi mmirat lejn bini bi klassifikazzjoni baxxa tal-enerġija jew lejn unitajiet domestiċi bi ħtieġa finanzjarja akbar ta' appoġġ. Dawn l-Istati Membri lanqas ma jużaw kriterji tal-għażla biex jikklassifikaw l-applikazzjonijiet. Fil-każ ta' Ċipru, din l-għażla kienet deċiżjoni deliberata ta' simplifikazzjoni biex jiżdied l-għadd ta' proġetti, fi hdn ir-restrizzjonijiet ta' żmien tal-RRF. L-użu ta' tali kriterji seta' wassal għal għażla tal-proġetti aktar orjentata lejn ir-riżultati, u b'hekk jiġi massimizzat l-iffrankar mistenni tal-enerġija.

Figura 4 | Eżempji fejn l-għażla tal-proġetti taħt l-RRF kienet ibbażata biss fuq kriterji ta' eliġibbiltà




Nota: * = Lithuania Long-term Renovation Strategy 2021, it-Tabelli 3 u 4; ** = Cyprus 2020 Long-term [Building Renovation Strategy \(LTRS\)](#), p. 13.

Sors: il-QEA.

26 Peress li l-għażla tal-proġetti fl-Istati Membri magħżula ma kinitx tinkludi valutazzjoni komparattiva tal-kwalità tal-proġetti ppreżentati, hemm riskju li r-rinnovazzjonijiet iffinanzjati għandhom mnejn jiffukaw fuq tipi ta' xogħlijiet li jipproduċu ffrankar enerġetiku nominali aktar baxx. Il-**Figura 5** turi li fil-Belġju (ir-Reġjun ta' Brussell Kapitali), il-proġetti ffukaw fuq rinnovazzjonijiet medji jew ħfief (bħas-sostituzzjoni tal-bojlers jew tat-twieqi). Konsegwentement, fl-Istati Membri magħżula, l-RRF ġeneralment appoġġat skemi ta' rinnovazzjoni mmirati lejn firxa usa' ta' unitajiet domestiċi u bini biex jirrinnowaw aktar f'inqas żmien. Il-prijoritizzazzjoni ta' rinnovazzjonijiet medji jew ħfief iddevjat il-fokus tal-Istati Membri lil hinn mill-garanzija ta' ffrankar enerġetiku fit-tul permezz ta' rinnovazzjonijiet profondi; dan jirriskja wkoll li joħloq effetti ta' intrappolament fil-futur.

Figura 5 | Għadd ta' għotjiet u ffrankar medju tal-enerġija f'MWh (2023), ir-Reġjun ta' Brussell Kapitali, skont it-tip ta' xogħlijiet



Nota: dawn iċ-ċifri ma jinkludux biss proġetti ffinanzjati mill-RRF.

Sors: ir-Rapport statistiku annwali, RENOLITION 2023 RBC.

Ir-riformi ma ġewx iddefiniti b'mod ċar u l-effett tagħhom fuq l-investimenti u l-iffrankar enerġetiku ma ntweriex

- 27** Skont ir-Regolament dwar l-RRF, ir-riformi u l-investimenti tal-RRF jenħtieġ li jikkostitwixxu pakkett koerenti⁶ u jwasslu għal bidliet strutturali⁷ fl-amministrazzjonijiet jew fil-politiki rilevanti⁸. Identifikajna 10 riformi fl-Istati Membri li għażilna, u analizzajna r-rabta tagħhom mal-investimenti tal-RRF u l-potenzjal tagħhom li jippermettu jew jappoġġaw rinnovazzjonijiet futuri.
- 28** Fir-Rapport Speċjali 10/2025 tagħna dwar ir-riformi tas-suq tax-xogħol taħt l-RRF, innutajna li r-Regolament dwar l-RRF jirreferi għal investimenti u riformi mingħajr ma jiddefinixxi jew mingħajr ma jiddistingwi b'mod ċar bejniethom. Innutajna wkoll li dak li jikkostitwixxi riforma baqa' suġġettiv sa ċertu punt, anke wara l-gwida tal-Kummissjoni⁹. Fl-NRRPs li rrieżaminajna, dan in-nuqqas ta' definizzjoni ċara rriżulta f'applikazzjonijiet differenti tal-kunċett ta' riforma mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni lanqas ma rat li żgur ikun hemm approċċ konsistenti fl-NRRPs kollha. Pereżempju, il-Belġju ttikketta r-reviżjonijiet tal-iskemi ta' sussidju u l-finanzjament tiegħu għal proġetti relatati bħala "riformi", filwaqt li l-Italja ttikkettat bidliet simili għall-iskema ta' rinnovazzjoni tagħha bħala "investimenti". Il-grad ta' suġġettività fil-klassifikazzjoni tal-miżuri jikkonferma s-sejba preċedenti tal-QEA.
- 29** Sibna tliet miżuri ttikkettati bħala riformi li fil-fatt kienu prinċipalment investimenti, tnejn fil-Belġju u waħda fil-Litwanja. Dawn kienu jikkonċernaw nefqa konsiderevoli tal-proġetti u ma kinux jinvolve bidliet sinifikanti fl-iskemi ta' rinnovazzjoni. Meta l-miżura fil-Litwanja ġiet replikata taħt il-kapitolu REPowerEU, din tqieset bħala investiment. Inqis li l-fatt li kien hemm miżuri ta' investiment imsejja "riformi" jnaqqas il-potenzjal tagħhom li jindirizzaw l-ostakli li jeżistu u jippermettu l-investimenti.
- 30** Barra minn hekk, sibna riformi oħra li jistgħu jippermettu l-investimenti. Madankollu, ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli, jew id-*data* li kien hemm ma kinitx biżżejjed biex jintwerew l-effetti tagħhom fuq l-investimenti fi ħdan l-RRF jew lil hinn minnha (ara l-eżempji fil-*Kaxxa 2*).

⁶ Il-Premessa 32 tar-Regolament dwar l-RRF.

⁷ SWD(2021)12 — Il-Gwida lill-Istati Membri — Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

⁸ L-Anness IV tar-Regolament dwar l-RRF.

⁹ SWD(2021) 12.

Kaxxa 2

Eżempji ta' valutazzjoni tal-effetti potenzjali tar-riformi fuq l-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija

Il-Belġju, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja: ir-riformi biex jiġu stabbiliti punti uniċi ta' servizz ħalli jingħalaq id-distakk fl-informazzjoni li jiffaċċjaw iċ-ċittadini — li jista' jaġixxi bħala ostaklu għar-rinnovazzjonijiet — jistgħu jippermettu investimenti futuri fl-effiċjenza fl-enerġija, iżda l-impatt tagħhom għadu ma ntweriex.

Il-Litwanja: l-NRRP inkluda riforma li tinċentiva metodu ġdid ta' pannelli tal-injam ta' rinnovazzjoni billi jiġu emendati r-regolamenti tal-kostruzzjoni, jitnedew proġetti ta' dimostrazzjoni u tiġi żviluppata l-industrija lokali. Madankollu, din kienet nieqsa minn studji ta' fattibbiltà u analiżijiet tal-iskala potenzjali tal-użu u r-restrizzjonijiet possibbli għall-adozzjoni tagħha.

- 31** Fir-rapport analitiku tagħna dwar it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu mid-dgħufijiet tal-RRF, osservajna li l-punt sa fejn ir-riżultat jew l-impatt tar-riformi taħt l-RRF jista' jiġi vvalutat huwa limitat min-nuqqas totali ta' indikaturi adatti. Inqis li għalhekk huwa diffiċli li jintwera li r-riformi fl-effiċjenza fl-enerġija tal-RRF iwasslu għal iffrankar akbar mill-investimenti waħedhom.

Kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni u dgħufijiet fil-monitoraġġ tal-iffrankar enerġetiku

- 32** Il-miżuri ta' rinnovazzjoni ppjanati jeħtieġ li jiġu implimentati b'mod f'waqt u skont l-NRRPs jekk iridu jagħmlu progress lejn l-oġettivi tagħhom. Jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ għodod robusti ta' traċċar biex jivvalutaw, jimmonitorjaw u jirrappurtaw dwar ir-rendiment tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija. Għalhekk ħarisna lejn l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF, u stennejna:

- miżuri biex jintlaħqu l-miri orjentati lejn ir-riżultati sal-iskadenzi stabbiliti, minħabba n-natura bbażata fuq ir-rendiment tal-RRF;
- li l-Istati Membri jiġbru, u l-Kummissjoni tirrapporta, informazzjoni affidabbli dwar l-enerġija reali ffrankata,
- li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jittraċċaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri, inkluża l-kosteffettività tal-miżuri ffinanzjati.

Miżuri kumplessi ta' investiment fir-rinnovazzjoni ffaċċjaw dewmien fl-implimentazzjoni u r-reviżjoni meħtieġa

- 33** L-RRF kienet maħsuba biex tkun “strument ibbażat fuq ir-rendiment”, abbażi tal-kisbiet tar-riżultati mkejla skont l-istadji importanti u l-miri stabbiliti. Eżaminajna l-punt sa fejn ir-[Regolament dwar l-RRF](#) u l-[gwida relatata](#) appoġġaw l-inklużjoni ta' miri orjentati lejn ir-riżultati fl-NRRPs. Imbagħad invalu tajna jekk il-miri orjentati lejn ir-riżultati kinux assoċjati mal-miżuri tal-NRRPs fl-Istati Membri magħżula. Billi l-miżuri kollha jeħtieġ li jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026¹⁰, analizzajna jekk it-tipi differenti ta' miżuri ta' rinnovazzjoni fl-Istati Membri magħżula tagħna kinux qed jagħmlu progress kif ippjanat, jekk kienx hemm xi wħud li kienu għadhom lura u jekk ir-reviżjonijiet tal-miżuri żidux il-fattibbiltà li dawn jintlaħqu sal-iskadenzi tal-RRF.
- 34** Filwaqt li r-Regolament dwar l-RRF jispeċifika li kull miżura jenħtieġ li tkun assoċjata ma' stadji importanti, miri u indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni, dan ma jirrikjedix b'mod espliċitu li l-miri jkunu orjentati lejn ir-riżultati. Il-[gwida tal-Kummissjoni](#) għall-Istati Membri tispeċifika li l-istadji importanti u l-miri jenħtieġ li jkunu bbażati fuq indikaturi tal-input jew, preferibbilment, indikaturi tal-output.
- 35** Sibna li l-miri kwantitattivi għall-miżuri awditjati inklużi fl-NRRPs iffukaw l-aktar fuq l-outputs (eż. l-għadd ta' rinnovazzjonijiet jew iż-żona rinnovata), aktar milli fuq ir-riżultati (tnaqqis fil-konsum tal-enerġija). Dan jillimita l-possibbiltà li l-Kummissjoni tivvaluta r-riżultati tal-miżuri u tevalwa r-rendiment tal-RRF fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija. F'rapporti preċedenti, ikkonkludejna li l-miri tal-RRF keġlu l-progress fl-implimentazzjoni aktar milli r-rendiment. Minn 111-il miżura ta' rinnovazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE, sibna biss 3 każijiet fejn ġew applikati miri orjentati lejn ir-riżultati. Wieħed minn dawn l-eżempji huwa l-iskema prinċipali Taljana għar-rinnovazzjonijiet ta' bini privat. Il-[Figura 6](#) tiġbor fil-qosor it-tipi ta' miri assoċjati mal-miżuri ta' rinnovazzjoni fl-Istati Membri magħżula.

¹⁰ L-Artikolu 18(4)(i) tar-[Regolament dwar l-RRF](#).

Figura 6 | Miri fl-Istati Membri magħżula

Deskrizzjoni tal-indikaturi		 Il-Belġju	 L-Italja	 Ċipru	 Il-Litwanja
OUTPUT	Għadd ta' unitajiet residenzjali	✓		✓	
	Żona rinnovata		✓		✓
	Iffirmar ta' ftehimiet legali (strument finanzjarju)		✓		
	Tlestija ta' xogħlijiet preparatorji (pannelli tal-injam)				✓
RIŻULTAT	Għadd ta' MWh iffrankati		✓		

Sors: il-QEA, abbażi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (CID).

- 36** Fl-Istati Membri magħżula, innutajna li kien hemm domanda għolja għal xi miżuri tal-RRF, billi huma aktar faċli biex jiġu implimentati. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-miżura ta' rinnovazzjoni aktar sempliċi f'Ċipru ("Il-promozzjoni ta' miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika" — ara l-[Anness III](#)), li prinċipalment tiffinanzja l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi (PV). Kif jidher fil-[Kaxxa 3](#), l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi hija investiment bi żmien qasir tal-ħlas lura. Bl-istess mod, il-miżuri li ma jirrikjedux livell minimu ta' ffrankar qed jagħmlu progress rapidu, bħal miżura li tappoġġa r-rinnovazzjonijiet ta' bini privat fil-Belġju.

Kaxxa 3

Eżempju ta' żmien qasir tal-ħlas lura għal installazzjoni tal-pannelli fotovoltaiċi appoġġata mill-RRF f'Ċipru

Il-benefiċjarji tal-miżuri ta' rinnovazzjoni aktar sempliċi (il-paragrafu 36) f'Ċipru jistgħu jipparteċipaw fl-iskema nazzjonali ta' "qari nett tal-arloġġ tad-dawl", li mhijiex koperta mill-miżura tal-RRF. Dan jippermetti li l-benefiċjarji jżommu l-enerġija prodotta mill-pannelli fotovoltaiċi biex tintuża fil-futur, u jaħżnuha b'mod virtwali. Dan jissarraff f'benefiċċji finanzjarji immedjati għall-benefiċjarju, billi jista' jirkupra malajr il-kostijiet tal-installazzjoni, permezz ta' kontijiet tal-enerġija mnaqqsa. L-awtoritajiet Ċiprijotti jistmaw li ż-żmien tal-ħlas lura huwa ta' bejn 3.5 u 5 snin.

Nirrikonoxxu li ż-żieda fil-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli mill-pannelli fotovoltaiċi fit-taħlita tal-elettriku Ċiprijotta hija żvilupp pożittiv. Madankollu, matul il-verifiki fuq il-post li wettaqna, xi benefiċjarji kkonfermaw li l-kreditu tal-enerġija disponibbli wara l-installazzjoni tal-pannelli fotovoltaiċi ippermettew lhom iżommu jew saħansitra jżidu l-konsum tal-enerġija tagħhom.

- 37** Il-programm Taljan ta' rinnovazzjoni *Superbonus*, iffinanzjat kemm mill-fondi Taljani kif ukoll minn dawk tal-RRF, appoġġa sa 110 % tal-kostijiet imġarrba mir-riċevituri. Inqisu li dan il-livell ta' appoġġ mhuwiex konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, u li jaffettwa b'mod negattiv il-kosteffettività tal-miżura (il-Kaxxa 5). Din il-miżura pparteċipaw fiha nofs miljun benefiċjarju, u dan ifisser li l-Italja għandha biżżejjed proġetti lesti biex tilħaq il-mira finali tagħha.
- 38** Barra minn hekk, sibna li l-Kummissjoni qieset li l-biċċa l-kbira mill-istadji importanti u mill-miri assoċjati mal-10 riformi magħżula għal dan l-awditu kienu ntlaħqu fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, jiġifieri matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF. Analizzajna l-ħolqien ta' punti uniċi ta' servizz appoġġati mill-RRF fl-Istati Membri magħżula. Għalkemm l-skop tal-miżuri kien li jaraw li dawn is-servizzi żgur kienu operazzjonali, il-pjattaformi ma kinux kompletament lesti li jipprovdu pariri mfassla apposta liċ-ċittadini interessati fir-rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Sibna l-ħtieġa li jintużaw karatteristiċi addizzjonali.

- 39** Filwaqt li l-perjodu qasir tal-RRF (il-paragrafu **21**) jinċentiva rinnovazzjonijiet aktar sempliċi, dan wera li huwa inqas adattat għal rinnovazzjonijiet profondi u investimenti kumplessi. F'dan ir-rigward, sibna li miżuri aktar kumplessi tal-RRF iddewmu (12 minn 18-il investiment iddewmu — ara l-**Anness III**). Pereżempju, miżura fl-Italja li kellha l-għan li tnaqqas il-konsum tal-enerġija b'mill-inqas 30 kilotunnellata ta' ekwivalenti ta' żejt (Ktoe) fis-sena permezz tat-tiżhin distrettwali kienet għadha lura: fiż-żmien meta sar l-awditu 6 biss minn 34 proġett kienu rċevew prefinanzjament jew pagament parzjali (li jikkorrispondu għal 5 % tal-ammonti tal-RRF allokat għal din il-miżura), u l-ebda wieħed minnhom ma kien tlesta.
- 40** Biex jiġu indirizzati l-implimentazzjoni bil-mod u d-domanda mnaqqsa, xi miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija ġew riveduti fl-Istati Membri magħżula, b'miri emendati u kostijiet stmati. Il-miri ġew riveduti 'l isfel fi 13 minn 22 miżura, filwaqt li għal 6 miżuri addizzjonali ma kien hemm l-ebda mira assoċjata, iżda stadji importanti biss (l-**Anness III**). L-emendi kienu permessi skont ir-Regolament dwar l-RRF¹¹, suġġett għall-valutazzjoni mill-Kummissjoni ta' jekk il-bidliet proposti kinux ġustifikati, jekk l-NRRP rivedut komplix jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament, u jekk l-istadji importanti u l-miri riveduti baqgħux ċari u realistiki. Minkejja dawn ir-reviżjonijiet, hemm ir-riskju li xi miżuri tal-RRF ma jitlestewx sal-iskadenzi tal-RRF, u dan jista' jaffettwa r-riżultati miksuba. Il-**Kaxxa 4** tippreżenta dettalji addizzjonali tal-valutazzjoni li wettaqna.

¹¹ L-Artikolu 21 tar-Regolament dwar l-RRF.

Kaxxa 4

Eżempji ta' reviżjonijiet ta' miżuri li ma kinux jirriflettu kompletament il-progress reali tal-miżuri fiż-żmien meta sar l-awditu

Ċipru: Il-mira għall-miżura kumplessa ta' rinnovazzjoni f'Ċipru li tappoġġa interventi li jinkludu l-iżolazzjoni tas-soqfa u tal-ħitan tnaqqset f'Novembru 2025, billi l-awtoritajiet Ċiprijotti rappurtaw ċirkustanzi mhux mistennija li wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni. Il-mira naqset minn 1 100 rinnovazzjoni għal 800, u naqqset l-ammont ikkonċernat minn EUR 30 miljun għal EUR 22 miljun.

Fl-istess ħin, f'Novembru 2025, jiġifieri f'nofs il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-miżura, l-awtoritajiet Ċiprijotti infurmawna li 263 proġett kienu tlestew filwaqt li 1 465 proġett kienu ġew iffirmati u kellhom jitlestew sa Ġunju 2026. Dan iqajjem dubji dwar il-ħtieġa tar-reviżjoni.



Ir-reviżjoni l-aktar reċenti ma ħaditx kont sħiħ tal-progress reali

Il-Belġju: Sa Ġunju 2025, l-ebda wieħed mill-proġetti għall-miżura tal-akkomodazzjoni soċjali fil-Wallonia ma kien beda. F'Ottubru 2025, il-mira għal din il-miżura ġiet riveduta. L-allokkazzjoni tnaqqset minn EUR 30 miljun għal EUR 12.5-il miljun, u l-għadd fil-mira ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali li għandhom jiġu mgħammra b'pannelli fotovoltaiċi tnaqqas minn 3 600 għal 1 532.



Għad hemm riskju li l-mira riveduta ma tintlaħaqx

Il-Litwanja: Ir-reviżjoni tal-NRRP irriżultat fi tnaqqis ta' 40 % tal-mira tal-miżura ta' rinnovazzjoni, filwaqt li l-kostijiet stmata tal-RRF kienu żdiedu bi 32 %. L-analiżi li wettaqna tal-progress tindika li madwar 77 % biss tal-mira riveduta tista' tintlaħaq sa tmien l-RRF minħabba dewmien fil-proġetti magħżula.



Għad hemm riskju li l-mira riveduta ma tintlaħaqx

L-informazzjoni dwar l-iffrankar enerġetiku ma kinitx affidabbli, kumparabbli, jew dettaljata biżżejjed biex tintuża għall-monitoraġġ sinifikattiv tar-riżultati

- 41** Il-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija taħt l-RRF huma mistennija jikkontribwixxu għall-mira ta' livell għoli tal-UE għall-effiċjenza fl-enerġija, li hija bbażata fuq tnaqqis reali fil-konsum tal-enerġija. Abbażi ta' dan, nistennew li dawn il-miżuri jagħtu riżultati fil-forma ta' ffrankar enerġetiku li jista' jitkejjel. Nistennew ukoll li l-Istati Membri jittiraċċaw il-kisbiet rigward il-bini li ġie rinnovat bl-użu tal-finanzjament mill-RRF.

L-informazzjoni dwar l-iffrankar enerġetiku kif ikkalkulat mill-Istati Membri tfixkel il-kumparabbiltà u taffettwa l-affidabbiltà

- 42** L-għan tal-interventi tal-RRF huwa li jtejbu r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, jiġġeneraw iffrankar enerġetiku u benefiċċji oħra. Biex jivvalutaw dan it-titjib, l-Istati Membri jiġbru *data* li normalment tkun ibbażata fuq iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPCs). L-EPCs ġew stabbiliti primarjament biex jinfurmaw lis-sidien, lix-xerrejja u lill-inkwilini tal-bini dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (tipikament fuq skala A-G mill-aktar effiċjenti sal-anqas effiċjenti).
- 43** Fil-kuntest tal-miżuri ta' rinnovazzjoni tal-RRF, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jużaw l-EPCs għall-kalkolu tal-iffrankar enerġetiku miksub għall-programmi kollha appoġġati mill-UE, inkluża l-RRF. Approċċ komuni wieħed iqabbel il-konsum tal-enerġija indikat fl-EPCs imfassla qabel u wara r-rinnovazzjonijiet (*ex ante* u *ex post*) u jirrapporta d-differenza bħala enerġija ffrankata. Din il-metodoloġija ġiet applikata mill-Italja u mil-Litwanja. Ċipru applikaha wkoll (għal rinnovazzjonijiet aktar kumplessi biss). Il-Belġju għażel metodoloġiji alternattivi (il-[Figura 7](#), il-paragrafi [50–52](#)).

Figura 7 | Iffrankar annwali skont l-Istati Membri magħżula

	Miżura	Iffrankar annwali (f'miljun kWh)	Metodoloġija li ntużat
 Il-Belġju	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fir-reġjun ta' Brussell Kapitali	○ 11.5	Valuri u suppożizzjonijiet standard
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fi Flanders	○ 44.3	Valuri u suppożizzjonijiet standard
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali f'Wallonia	○ 14.1	Valuri u suppożizzjonijiet standard
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż	○ 1.0	Valuri u suppożizzjonijiet standard
 L-Italja	<i>Superbonus</i>	○ 1 412.2	EPC <i>ex ante</i> u EPC <i>ex post</i> (bl-aġġustamenti)
 Ċipru	Promozzjoni ta' miżuri individwali tal-effiċjenza fl-enerġija	○ 419.0	Valuri u suppożizzjonijiet standard
	Promozzjoni ta' titjib estensiv tal-enerġija tal-istokk tal-akkomodazzjoni	○ 49.8	EPC <i>ex ante</i> u EPC <i>ex post</i> *
 Il-Litwanja	Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini	○ 67.7	EPC <i>ex ante</i> u EPC <i>ex post</i>

Nota: * = il-valur huwa stmat b'ħalissa.

Sors: il-QEA, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

- 44** L-EPCs oriġinarjament tfasslu b'hal għodda għall-klassifikazzjoni tal-assi. F'dan ir-rwol, huma adatti biex jidentifikaw it-titjib li jsir f'bini, li jirrifletti l-użu tipiku f'kundizzjonijiet standard. Madankollu, dawn ma tfasslux speċifikament biex jikkalkulaw b'mod affidabbli l-iffrankar enerġetiku reali miksub minn miżura ffinanzjata pubblikament.
- 45** Skont il-qafas stabbilit mill-EPBD, l-EPCs jserrħu fuq *data* dwar il-bini u fuq suppożizzjonijiet teoretiċi biex jistmaw il-konsum tal-enerġija. Dan jista' jvarja mill-konsum reali, li huwa influwenzat mill-imġiba tal-bniedem. Din id-"diskrepanza fir-rendiment" (**Figura 8**) ma titqiesx fil-valuri rrapportati mill-Istati Membri dwar l-enerġija ffrankata, u dan iwassal għal differenzi sinifikanti bejn l-iffrankar stmat u dak reali.

Figura 8 | Id-diskrepanza fir-rendiment fl-Istati Membri magħżula**Il-Belġju**

Twettqu analiżijiet tekniċi* tad-diskrepanza fir-rendiment kemm fi Flanders kif ukoll f'Wallonia. Ir-risultati juru kif id-diskrepanza bejn il-konsum reali u dak stmat tiżdied b'mod kostanti minn "viċin il-parità" għall-aktar bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija, għal konsum stmat sa 400 % jew aktar 'il fuq mill-konsum reali għall-bini bl-aħgar rendiment. Dan ifisser li d-diskrepanza taffettwa b'mod partikolari l-kalkoli tal-iffrankar enerġetiku għall-bini bl-akbar iffrankar mistenni.

Ċipru

L-awtoritajiet ma wettqux studju uffiċjali, iżda studju tal-metodoloġija ta' Ċipru** għall-kalkolu tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija kkonferma li l-konsum finali stmat tal-enerġija għal għadd magħżul ta' binjiet kien darbtejn sa tliet darbiet ogħla mill-konsum finali tal-enerġija mkejje. Studju ieħor***, li kellu l-għan li jevalwa r-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' unità residenzjali tipika f'Ċipru sab li l-konsum reali tal-enerġija kien 377 % ogħla milli stmat.

L-Italja

L-awtoritajiet ma wettqux studju uffiċjali, iżda studju ieħor**** ikkwantifika d-devjazzjoni teoretika bejn il-konsum stmat u dak reali, u sab valuri stmati sa 80 % ogħla għal bini b'rendiment baxx fl-użu tal-enerġija. L-istudju sab li d-diskrepanza żdiedet hekk kif il-ħtiġijiet tal-enerġija żdiedu, pereżempju matul kundizzjonijiet aktar severi tat-temp. F'bini b'rendiment għoli, l-effett jista' jkun bil-kontra: il-konsum reali jista' jkun sa 30 % ogħla milli stmat, billi l-imġiba tal-utenti tinbidel wara t-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija.

Il-Litwanja

L-awtoritajiet ma wettqux studju uffiċjali, iżda rieżami akkademiku***** juri li l-konsum stmat għall-bini bl-aħjar klassifikazzjoni jista' jkun minn 18 % sa 77 % ogħla miċ-ċifri reali. L-istudju jikkonferma s-sejbiet mill-pajjiżi l-oħra li bini bi klassifikazzjoni għolja ħafna għandu t-tendenza li jikkonsma aktar enerġija milli previst.

Nota: L-istudji ta' hawn fuq twettqu fuq kampjun ta' rinnovazzjonijiet, irrappreżentant mis-sors ta' finanzjament.

* = Wallonia: l-Anness e) tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul 2020; Flanders: *Onderzoek naar de kostenoptimale niveaus bij renovatie van residentiële gebouwen*, 5.11.1.3 Geschat energieverbruik.

** = Cyprus building energy performance methodology: A comparison of the calculated and measured energy consumption results

*** = A Comparative Study on Discrepancies in Residential Building Energy Performance Certification in a Mediterranean Context

**** = Energy performance gap of the Italian residential building stock: Parametric energy simulations for theoretical deviation assessment from standard conditions

***** = Energy Performance Gap Analysis in Energy Efficient Residential Buildings in Lithuania

Sors: il-QEA, abbażi tal-istudji kkwotati.

- 46** Barra minn hekk, l-EPCs ma jiġbrux l-istess tip ta' informazzjoni fl-Istati Membri kollha. Pereżempju, elementi bħall-ilma sħun, il-ventilazzjoni, l-arja kundizzjonata, eċċ. mhux dejjem jiġu inklużi¹². L-EPCs qatt ma kienu maħsuba biex jintużaw għat-tqabbil tal-bini fl-Istati Membri kollha. Minħabba li pajjiżi differenti jinkludu elementi differenti, id-*data* dwar il-konsum tal-enerġija u l-iffrankar enerġetiku miksuba mill-EPCs, anke meta espressi f'kWh/sena, mhijiex direttament kumparabbli bejn il-pajjiżi. Pereżempju, fl-UE, il-limitu massimu tal-konsum tal-enerġija għall-bini bi klassifikazzjoni A jaf iwarja bejn valur negattiv u kważi 300 kWh/m²/sena, filwaqt li l-limitu inferjuri għall-bini bi klassifikazzjoni G jaf iwarja bejn 200 u 1 005 kWh/m²/sena. Anke fl-istess Stat Membru, il-varjazzjonijiet jistgħu jkunu sinifikanti, u potenzjalment ifixklu t-tqabbil. Fil-Litwanja, sibna li l-bini bi klassifikazzjoni E kkonsma bejn 311 u 600 kWh/m²/sena qabel ma daħlet fis-seħħ l-għodda għar-rinnovazzjonijiet. Il-konsum f'binji bi klassifikazzjoni F kien iwarja minn 263 sa 1 124 kWh/m²/sena.
- 47** Barra minn hekk, id-[Direttiva tal-2018 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija](#) ppermettiet lill-Istati Membri jibbażaw l-EPCs fuq il-konsum tal-enerġija kkalkulat jew imkejjel. Filwaqt li l-Istati Membri magħżula tagħna jibbażaw il-metodu tagħhom fuq il-konsum tal-enerġija kkalkulat, Stati Membri oħra jużaw il-konsum tal-enerġija mkejjel). Dan ifixkel aktar il-kumparabbiltà tal-iffrankar irrappurtat.

¹² [Progress on the implementation of Energy Performance Certificates in EU](#), il-JRC, 2023.

48 Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali fl-Istati Membri magħżula ċċekkjaw għażla ta' EPCs — mhux relatati speċifikament ma' proġetti taħt l-RRF — u rrapportaw livell sinifikanti ta' anomaliji. Filwaqt li nirrikonoxxu dawn l-isforzi, l-iżbalji fl-EPCs *ex ante* jistgħu jipprevienu milli jiġu identifikati b'mod korrett l-azzjonijiet meħtieġa biex tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija ta' bini u jistgħu jagħmlu ċ-ċifri rrapportati fihom mhux affidabbli għall-kalkolu tal-iffrankar enerġetiku li jirriżulta. Bl-istess mod, l-iżbalji fl-EPCs *ex post* jaf iwasslu għal stima insuffiċjenti jew eċċessiva tal-konsum tal-enerġija tal-bini (ara l-eżempji ta' hawn taħt).

- Ir-rapport l-aktar reċenti¹³ dwar il-verifiki bbażati fuq ir-riskju mwettqa mill-awtoritajiet Taljani indika li kważi nofs l-EPCs iċċekkjati kien fihom valuri mhux korretti jew anomali (eż. valuri barra mill-medda aċċettabbli).
- Fil-Belġju-Flanders, fl-2023, il-verifiki mwettqa rriżultaw f' multi għal wieħed minn kull tmien EPCs inklużi fil-kampjun, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet reġjonali. L-awtoritajiet spjegawlna li din ir-rata għolja kienet parzjalment dovuta għall-fatt li l-ispezzjonijiet kienu mmirati biex jiffukaw fuq każijiet taħt suspett serju ta' żball, pereżempju abbażi ta' lmenti mill-pubbliku.
- Fil-Litwanja, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali, 1 518 mis-16 592 ċertifikat li ġew ippreżentati fl-2024 ġew irrifjutati mill-awtoritajiet (9 %). L-iżbalji prinċipali kienu jinkludu żbalji fil-kalkolu taż-żoni u l-valutazzjoni mhux korretta ta' ċerti karatteristiċi tal-bini.

49 Meta wettaqna l-analiżi tagħna stess tal-EPCs għad-19-il proġett magħżul, sibna dgħufijiet addizzjonali li jillimitaw ir-rilevanza tal-EPCs għall-istima tal-iffrankar reali tal-enerġija (ara l-eżempji ta' hawn taħt).


- L-EPCs kollha ttrattaw il-bini bħala residenzi permanenti. Għalhekk, l-iffrankar annwali ġie kkalkulat daqslikieku l-bini kien okkupat kompletament, u dan jista' jwassal għal stima eċċessiva tal-iffrankar enerġetiku. Pereżempju, proġett wieħed (minn ħamsa) fl-Italja kien jikkonċerna residenza mhux permanenti.
- Meta nżiedu żoni ta' għajxien ġodda (li kien il-każ fi tnejn mill-proġetti magħżula li żorna fuq il-post, wieħed fil-Belġju u ieħor fl-Italja), l-iffrankar enerġetiku ġie kkalkulat fuq il-bażi li dawn l-ispazji kienu preżenti qabel, iżda ma kellhomx iżolazzjoni. Madankollu, kif irrappurtajna fir-[Rapport Speċjali 14/2024 tagħna dwar il-kontribut tal-RRF għat-tranżizzjoni ekoloġika](#), żoni ġodda bħal dawn ma jiġġenerawx iffrankar iżda fil-fatt jirrappreżentaw konsum addizzjonali tal-enerġija.
- F'erbgħa mill-ħames EPCs relatati ma' proġetti fl-Italja, sibna diversi problemi ta' affidabbiltà (klassifikazzjonijiet żgħira tal-bini, erja mhux korretta, apparat nieqes).

¹³ L-ENEA, [Rapporto annuale sulla certificazione energetica degli edifici](#), 2025.

- 50** Minbarra l-EPCs, il-Kummissjoni tippermetti metodi alternattivi għall-kalkolu tal-iffrankar enerġetiku li jirriżulta mill-miżuri tal-RRF, u l-Belġju u Ċipru użaw valuri standard fil-kalkoli tagħhom biex jistabbilixxu l-iffrankar għall-biċċa l-kbira mir-rinnovazzjonijiet iffinanzjati tagħhom. Identifikajna diversi aspetti li jixħtu dubju fuq l-affidabbiltà taċ-ċifri prodotti minn dawn il-metodi alternattivi, li huma ppreżentati hawn taħt. Dan huwa l-każ minkejja li l-metodoloġiji użati mill-Belġju u minn Ċipru ġew approvati mill-Kummissjoni.
- 51** Pereżempju, skont il-miżura ffinanzjata mill-RRF għar-residenzi privati u soċjali fil-Belġju-Flanders, kull pompa tas-sħana installata hija kkreditata bi 8 065 kWh/sena ta' ffrankar għal kull unità residenzjali, irrispettivament mid-daqs u l-karatteristiċi tal-bini. Is-soqfa iżolati jiġu kkreditati b'7 000 kWh/sena, filwaqt li l-art, il-ħitan u t-twieqi iżolati jammontaw għal iffrankar ta' 2 000 kWh/sena kull wieħed. Meta l-interventi jiġu kkombinati, dan l-iffrankar jingħadd flimkien, mingħajr ebda ponderazzjoni għall-effetti ta' interazzjoni.
- 52** Għal proġetti ta' rinnovazzjoni aktar estensivi taħt il-miżuri Fjammingi ffinanzjati mill-RRF, il-metodu jimmultiplika l-erja medja bil-konsum medju teoretiku tal-enerġija għal kull metru kwadru qabel ir-rinnovazzjoni, u jqabbel ir-riżultat mal-konsum medju tal-enerġija wara r-rinnovazzjoni għal appartament jew dar standard. Dan il-metodu jibbaża l-kalkoli tiegħu fuq il-karatteristiċi tal-bini medju, aktar milli fuq il-bini speċifiku li jkun jeħtieġ rinnovazzjoni.
- 53** Ċipru applika metodu simili, approvati mill-Kummissjoni, bl-użu ta' medji ta' bini standard biex jistma soll li jikkorrispondi għal iffrankar enerġetiku ta' 30 %. Imbagħad ikkalkula l-iffrankar enerġetiku abbażi tal-karatteristiċi reali ta' kull rinnovazzjoni appoġġata mill-miżura, bl-użu jew tal-kapaċità installata tal-pannell fotovoltajċi (f'kWh), jew tal-ħxuna tal-iżolazzjoni miżjuda, tal-erja tas-saqaf (m^2) u tar-rendiment termali tas-saqaf. Bl-użu ta' dan l-approċċ, Ċipru rrapporta li, b'mod ġenerali, l-iffrankar enerġetiku laħaq is-soll minimu. Madankollu, inqis li l-bini bl-aġħar rendiment jirrikjedi, f'valuri assoluti, iffrankar ogħla biex jintlaħaq is-soll minimu ta' 30 %. Għalhekk, ikkalkulajna mill-ġdid is-soll, bl-użu ta' *data* minn bini reali li jeħtieġ rinnovazzjoni f'Ċipru. Ir-riżultati tagħna jindikaw li l-valur tal-iffrankar irrappurtat minn Ċipru ma jkunx jilħaq is-soll minimu ta' ffrankar enerġetiku ta' 30 %.
- 54** Fl-aħħar nett, sibna li l-iffrankar iddikjarat mill-pannelli fotovoltajċi f'Ċipru jiġi rrapportat bħala enerġija primarja ffrankata, minkejja li parti minn din il-produzzjoni ma tiġix ikkunsmata mir-resident iżda tiġi esportata lejn il-grilja. Għalkemm dan huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-EPBD, f'każijiet bħal dawn, l-iffrankar enerġetiku rrapportat ma jikkorrispondix għall-konsum reali tal-enerġija tal-bini.
- 55** Irrispettivament mill-metodoloġija użata, sibna problemi sinifikanti bl-affidabbiltà u l-kumparabbiltà tal-informazzjoni dwar l-iffrankar reali tal-enerġija rrapportata mill-Istati Membri.

Ir-rappurtar aggregat dwar l-iffrankar enerġetiku jillimita l-monitoraġġ u l-valutazzjoni sinifikattivi tar-riżultati

- 56** Iż-żewġ metodoloġiji deskritti hawn fuq jippermettu li l-Istati Membri jirrapportaw l-iffrankar enerġetiku lill-Kummissjoni taħt l-indikatur komuni 1 “iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija primarja”. Madankollu, dan l-indikatur huwa maħsub biex juri sforzi kumulattivi skont l-NRRPs, u bħala tali jinkludi l-iffrankar enerġetiku kollu, mingħajr l-ebda diżaggregazzjoni skont it-tip ta’ miżura tal-effiċjenza fl-enerġija (eż. rinnovazzjoni ta’ bini residenzjali). Eżaminajna l-iffrankar irrapportat taħt dan l-indikatur, li huwa ppubblikat fit-[Tabella ta’ Valutazzjoni tal-RRF](#). Fi tmiem l-2025, l-iffrankar kumulattiv irrapportat għall-Istati Membri kollha minn Frar 2020 ’il hawn b’kollox kien jammonta għal 71 278 397 MWh/sena.
- 57** Iċ-ċifra tal-iffrankar totali rrapportata hija valur kumulattiv li ma jirreferix biss għar-riżultati miksuba mill-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija għall-bini residenzjali, iżda jkopri l-miżuri kollha tal-RRF, inklużi dawk li jikkonċernaw il-bini pubbliku jew l-intrapriżi. Fil-prattika, ma stajniex nivverifikaw il-kontribuzzjoni rrapportata mill-miżuri individwali tal-RRF billi l-Kummissjoni ma kellhiex din id-*data*. Il-Kummissjoni indikat li l-indikaturi komuni tal-RRF tfasslu biex jimmonitorjaw u jevalwaw l-RRF kollha kemm hi. Konsegwentement, it-[Tabella ta’ Valutazzjoni tal-RRF](#) ma għandhiex informazzjoni fil-livell tal-miżuri individwali, billi turi biss il-valuri kumulattivi għall-Istati Membri kollha (il-[Figura 9](#)). Ir-rappurtar tal-iffrankar b’mod kumulattiv, flimkien man-nuqqas totali ta’ mira għall-enerġija ffrankata taħt l-indikatur komuni 1, ifisser li l-Kummissjoni ma tistax tuża dan it-tip ta’ informazzjoni għall-monitoraġġ effettiv tar-riżultati, jew li l-problemi jiġu indirizzati fil-pront fil-livell tal-miżura.

Figura 9 | Iffrankar enerġetiku rrapportat għall-UE kollha

Nota: din il-graff turi l-iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija primarja f'MWh fis-sena. L-għedud jiżdiedu b'mod kumulattiv, u l-valuri tiegħu jistgħu jiżdiedu biss maż-żmien.

Sors: it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF, id-data f'Diċembru 2025.

- 58** Fil-livell tal-Istati Membri, id-data hija espressa fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF bħala perċentwal tal-konsum totali tal-enerġija primarja fl-2019. Dan jissuġġerixxi li l-valuri rrapportati jikkorrispondu għal iffrankar reali, filwaqt li — kif stabbilit fil-paragrafi 41–54 — l-istimi mis-settur tal-bini residenzjali huma teoretiċi u mhux kompletament affidabbli. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma stabbilewx linja bażi, billi r-Regolament dwar l-RRF ma kienx jinkludi dan ir-rekwiżit. L-Istati Membri lanqas ma stabbilew miri finali li jkunu jippermettulna nkejlu l-progress reali.
- 59** Abbażi tal-informazzjoni inkluża fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF, sibna li sa tmiem it-tieni nofs tal-2025, il-miżuri ffinanzjati mill-RRF kienu taw biss kontributi żgħar għall-iffrankar enerġetiku fl-Istati Membri awditjati: 3.125 % f'Ċipru, 0.273 % fil-Belġju, 0.275 % fl-Italja u 0.139 % fil-Litwanja (li bdiet tirrapporta l-iffrankar fl-2025). Filwaqt li ċ-ċifra tidher ogħla għal Ċipru, 88 % tal-iffrankar irrappurtat jirriżulta mill-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi. Bħala sors ta' enerġija rinnovabbli, il-pannelli fotovoltajċi jnaqqsu l-impatt fuq il-klima permezz ta' emissjonijiet tal-karbonju aktar baxxi u jiġu kontabilizzati bħala ffrankar skont l-EPBD; madankollu, fil-prattika, dawn ma jnaqqsu il-konsum reali tal-enerġija ta' bini (il-paragrafu 54).

- 60** L-iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija rrapportat mill-Istati Membri jingħadd għas-sena sħiħa, anki jekk l-iffrankar jimmaterjalizza biss matul dik is-sena. Barra minn hekk, kif irrappurtajna preċedentement fir-[Rapport Speċjali 26/2023 tagħna dwar il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-RRF](#), filwaqt li l-Kummissjoni twettaq verifiki tal-plawżibbiltà, bħall-verifika li l-valuri rrapportati ma jaqbżux il-konsum totali tal-enerġija ta' Stat Membru, hija ma tivverfikax iċ-ċifri f'aktar dettall. Il-Kummissjoni saħqet li r-responsabbiltà mill-kwalità tad-*data* dwar l-indikaturi komuni hija f'idejn l-Istati Membri biss. Barra minn hekk, iċ-ċifri mhumieq diżaggregati skont il-miżura; minflok, id-*data* aggregata biss tiġi rrapportata. Lanqas mhuwa possibbli li jiġi vverifikat li l-iffrankar irrappurtat huwa esklużivament marbut mal-fondi tal-RRF, jew li jiġi ċċekkjat il-finanzjament totali marbut mal-iffrankar irrappurtat.
- 61** L-informazzjoni mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF tintuża f'komunikazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni bħal "[NextGenerationEU — Il-mixja lejn l-2026](#)", li tirrapporta 33.4 TWh/sena ta' ffrankar enerġetiku relatat mal-RRF. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tiċċarax li l-iffrankar irrappurtat taħt l-indikatur komuni 1 huwa bbażat fuq kalkoli teoretiċi (il-paragrafu [45](#)). Flimkien mad-diversi problemi ta' affidabbiltà li nstabu f'dan l-awditu, inqisu li iċ-ċifri ma jirriflettux biżżejjed l-iffrankar reali. Dawn id-dgħufijiet kollha jillimitaw l-utilità tal-informazzjoni rrapportata fil-monitoraġġ adegwat tar-rendiment sabiex jiġu vvalutati l-effettività u l-effiċjenza.

Il-kosteffettività tal-miżuri ta' rinnovazzjoni tal-bini ma tiġix traċċata

- 62** L-Istati Membri pprovdew stimi tal-kostijiet għal kull miżura fl-NRRPs tagħhom, li jirrappreżentaw il-kostijiet mistennija meħtieġa biex jintlaħqu l-miri stabbiliti. Ivvalutajna l-punt sa fejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni żammew rekord tal-kosteffettività matul l-implimentazzjoni tal-miżuri. Wettaqna l-kalkolu tagħna stess tal-kosteffettività fuq il-miżuri magħżula li għandhom l-għan li jwasslu għal iffrankar ta' mill-inqas 30 %.
- 63** Kif imsemmi qabel, l-Istati Membri ma kinux meħtieġa jstabbilixxu miri tar-riżultati għal kull miżura. Konsegwentement, il-miżuri awditjati ma ffukawx fuq ir-riżultati, jiġifieri l-valur tal-iffirankar enerġetiku (il-paragrafu **34**). Dan jagħmilha aktar diffiċli biex jiġi vvalutat, jew matul l-implimentazzjoni jew *ex post*, jekk il-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija wasslux għal iffrankar enerġetiku b'mod kosteffettiv. La l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri magħżula ma traċċaw il-kosteffettività tal-miżuri implimentati, billi dan mhuwiex meħtieġ mir-**Regolament dwar l-RRF**. Analiżi bħal din kienet tkun utli għall-monitoraġġ tar-rendiment tal-miżuri, għall-identifikazzjoni ta' varjazzjonijiet fil-kosteffettività bejniethom, u biex kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu azzjoni korrettiva meta meħtieġ matul l-implimentazzjoni. Kienet tkun tipprovdi wkoll evidenza utli għar-rapport ta' evalwazzjoni *ex post* finali tal-Kummissjoni, ippjanat għall-2028.
- 64** Il-**Figura 10** turi r-riżultati tal-kalkoli tagħna tal-kosteffettività, ibbażati fuq id-*data* dwar il-miżuri ta' rinnovazzjoni li rċevjna mingħand l-Istati Membri magħżula fiż-żmien meta sar l-awditu. Fil-każ tal-Belġju, il-miżuri għall-bini privat ma jidhrux, billi mhumix meħtieġa jiksbu s-soll minimu ta' 30 % għall-iffirankar enerġetiku. Għall-kalkoli tal-kost reali għal kull metru kwadru u l-kost unitarju tal-iffirankar ta' 1 kWh, użajna l-kost totali tal-proġetti mġarrab mir-riċevituri, kull fejn kien possibbli. Fil-każijiet li jifdal, meta l-kostijiet totali tal-investiment ma ġewx ipprovduti, użajna l-ammont tal-għotja allokat mill-Istat Membru għall-proġetti u kopert mill-RRF.
- 65** Filwaqt li din l-analiżi tkopri tipi differenti ta' intervent, stokk tal-bini u għażliet ta' politika magħmula mill-Istati Membri, hija turi varjazzjonijiet sostanzjali u l-importanza tat-traċċar tal-kosteffettività. Ninnutaw, pereżempju, li d-deċiżjoni tal-Litwanja li tirrinнова biss blokko ta' appartamenti wasslet għal kost relattivament baxx (EUR/kWh). L-ċifri juru kosteffettività ogħla meta mqabbla mal-Belġju u mal-Italja. Filwaqt li l-ċifra għal Ċipru tindika kosteffettività aħjar, dan huwa dovut għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi, li hija investiment relattivament irħis.

Tabella 10 | L-analiżi li wettaqna tal-kosteffettività tal-miżuri awditjati

	Miżura	EUR/m ²	EUR/kWh iffrankati
 Il-Belġju	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fir-reġjun ta' Brussell Kapitali	287*	2.23*
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fi Flanders	mhux disponibbli	0.58*
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali f'Wallonia	mhux disponibbli	2.03**
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż	mhux disponibbli	5.40*
 L-Italja	Superbonus	781*	9.72*
 Ċipru	Promozzjoni ta' miżuri individwali tal-effiċjenza fl-enerġija	mhux disponibbli	0.37*
	Promozzjoni ta' titjib estensiv tal-enerġija tal-istokk tal-akkomodazzjoni	140**	0.51**
 Il-Litwanja	Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini	283*	1.39*

Nota: * = data bbażata fuq il-kost totali tal-proġetti mgarraġ mir-riċevituri; ** = data bbażata fuq l-ammont tal-għotja allokata mill-Istat Membru għall-proġetti u kopert mill-RRF.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-Istati Membri magħżula.

- 66** Abbażi tal-informazzjoni ta' hawn fuq, sibna li, filwaqt li l-livell ta' ffrankar miksub għal kull abitazzjoni fl-Italja kien pjuttost għoli, dan ġie b'kost għoli ħafna. L-analiżi li wettaqna turi li s-Superbonus ma kienx miżura kosteffettiva (ara l-eżempju fil-[Kaxxa 5](#))

Kaxxa 5

Eżempju ta' miżura li ma kinitx kosteffettiva: is-Superbonus fl-Italja

Il-miżura ta' rinnovazzjoni Taljana hija bil-bosta l-aktar miżura għalja u l-inqas kosteffettiva mmirata lejn l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini residenzjali, billi tirrikjedi kważi EUR 10 biex jiġi ffrankat 1 kWh (il-[Figura 1](#)).

Il-miżura ssodisfat domanda għolja (twettqu aktar minn nofs miljun rinnovazzjoni bis-saħħa tal-iskema) u l-kostijiet stmati żdiedu f'daqqa għal EUR 123 biljun (sa Novembru 2025). Fl-aħħar mill-aħħar, il-kontribuzzjoni stmata tal-RRF (EUR 13.95-il biljun) se tkopri biss nofs il-mira stabbilita għal din il-miżura (madwar 18-il miljun m² minflok 36 miljun m²) u madwar 10.5 % tal-krediti tat-taxxa approvati fil-livell nazzjonali għar-rinnovazzjonijiet. Abbażi ta' din id-*data*, se jkollhom isiru disponibbli fondi addizzjonali mill-baġit nazzjonali.

Minn dak iż-żmien 'il hawn, diversi artikoli analizzaw l-effetti sekondarji tagħha, inklużi inflazzjoni għolja¹⁴, impatt baġitarju nazzjonali sostanzjali¹⁵, u kosteffettività baxxa.

Il-mudell kostottimali mħejji mill-Italja fl-2020¹⁶ indika li b'investiment ta' EUR 9 biljun, kienu se jiġu rinnovati 24.7 miljun m² u jiġu ffrankati 330 Ktoe ta' enerġija, u dan irriżulta f'kost ta' EUR 2.58 għal kull kWh iffrankat. Il-kost attwali għal kull kWh tal-miżura tal-RRF huwa kważi erba' darbiet ogħla. Barra minn hekk, kif irrappurtat mill-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar Taljana¹⁷, li tikkwota rapport mill-Bank Ċentrali Taljan¹⁸: aktar minn kwart (27 %) tal-proġetti *Superbonus* approvati fil-livell nazzjonali setgħu twettqu fin-nuqqas totali ta' finanzjament pubbliku (l-effett "deadweight"), u kien possibbli li jiġi rkuprat proporzjon għoli tal-kostijiet tar-rinnovazzjoni.

- 67** Qabbilna wkoll l-istimi inizjali tal-kostijiet maċ-ċifri l-aktar reċenti pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali. Pereżempju, f'Ċipru, il-kost stmat tal-miżura ta' rinnovazzjoni aktar sempliċi (ara l-paragrafu [36](#)) ġie aġġustat 'il fuq f'reviżjoni tal-NRRP f'konformità mal-progress fl-implimentazzjoni. Il-miżura kienet ġiet allokata EUR 74 miljun, u l-progress fl-implimentazzjoni indika li jkunu meħtieġa EUR 71 miljun (96 %) biex tintlaħaq il-mira. Dan huwa eżempju tajjeb ta' kif il-kostijiet stmati tal-RRF jinżammu allinjati mal-implimentazzjoni.

¹⁴ Is-CEPR, [The impact of the Superbonus on Italian construction costs](#), id-9 ta' Frar 2025.

¹⁵ Fitch Ratings, [Italy's 'Superbonus' Spending Puts Its Debt Ratio on an Upward Trajectory](#), it-23 ta' April 2024.

¹⁶ Ministero della transizione ecologica, [2020 long-term building renovation strategy](#).

- 68** Min-naħa l-oħra, skont il-kalkoli mill-ġdid tagħna bbażati fuq iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali, bir-rata attwali Ċipru jkun jeħtieġ EUR 24 miljun biex jilħaq il-mira stabbilita għall-miżura ta' rinnovazzjoni profonda. Dan jikkorrispondi għal 81 % tal-pakkett allokat, li jindika li l-kostijiet ġew stmati b'mod eċċessiv. Fil-Belġju, l-akkomodazzjoni soċjali fi Flanders u fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż hija mistennija wkoll li tirrikjedi ammont aktar baxx ta' finanzjament milli kien stmat inizjalment, u dan jindika li l-kostijiet ġew stmati b'mod eċċessiv. Il-miżuri se jużaw madwar 86 % u 36 % tal-pakkett, rispettivament; madankollu, f'April 2026, ma kien hemm ippjanata l-ebda reviżjoni tal-NRRPs.
- 69** Bl-istess mod, fil-paragrafu **39** tar-Rapport Speċjali 14/2026 tagħna dwar it-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-RRF, irrappurtajna dwar każijiet ta' miżuri fejn il-kostijiet stmati tal-RRF kienu qabżu l-kostijiet reali. Ikkonkludejna li, jekk din ix-xejra tkompli, kien hemm riskju li l-allokazzjoni kumplessiva tal-RRF għal xi Stati Membri għandha mnejn taqbeż il-kostijiet reali. L-istess awditu identifika wkoll li xi miżuri li kienu għaddejnin kienu qed jesperjenzaw kostijiet akbar milli ppjanat.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla 1, immexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Ġunju 2026.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

¹⁷ Corte dei Conti Italiana, [Relazione sullo stato di attuazione del Piano Nazionale di Ripresa e Resilienza \(PNRR\)](#), Dicembru 2024.

¹⁸ Banca d'Italia, [Incentives for dwelling renovations: evidence from a large fiscal programme](#), 2024.

Annessi

Anness I — Dwar l-awditu

L-effiċjenza fl-enerġija bħala objettiv ewlieni tal-UE

- 01** It-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija huwa wieħed mill-obiettivi ewlenin tal-[Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija](#). Il-miri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE saru aktar ambizzjużi maż-żmien. FI-2012, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija inkorporat il-mira għall-effiċjenza fl-enerġija ta' 20 % sal-2020. Fir-[Rapport Speċjali 18/2023 reċenti tagħna dwar il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija](#), innutajna li l-ilħuq ta' din il-mira ma kienx dovut biss għall-azzjoni klimatika tal-UE, iżda wkoll għall-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19.
- 02** Ir-reviżjoni tal-2018 tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija stabbiliet mira tal-UE għall-effiċjenza fl-enerġija ta' mill-inqas 32.5 % sal-2030. FI-2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva Riveduta dwar l-Effiċjenza Enerġetika, li kienet tinkludi l-għan li l-konsum finali tal-enerġija tal-UE jitnaqqas bi 11.7 % sal-2030 meta mqabbel mal-użu tal-enerġija pproġettat għal dik is-sena. Meta tiġi espressa bl-użu tax-Xenarju ta' Referenza tal-UE aktar antik tal-2007, din il-mira tikkorrispondi għal tnaqqis ta' 40.5 % fil-konsum tal-enerġija primarja.

Is-settur tal-bini residenzjali u l-miri tal-UE għall-klima u l-enerġija

- 03** Is-settur tal-bini huwa kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa għall-klima u l-enerġija. Żewġ terzi tal-enerġija użata għat-tisħin u t-tkessiġ għadha ġejja mill-fjuwils fossili, u kważi 75 % tal-bini fl-UE għadu ineffiċjenti fl-enerġija¹. Għalhekk, it-titjib tal-bilanċ tal-enerġija tal-bini eżistenti permezz ta' rinnovazzjonijiet huwa assi ewlieni ta' intervent pubbliku.

¹ Il-Premessi 14 u 24 tad-Direttiva (UE) 2024/1275 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

04 Sabiex tindirizza speċifikament l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini, l-UE stabbiliet qafas leġislativ li jinkludi d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD)², li ġiet riveduta fl-2024. Dan għandu l-għan li jżid ir-rata ta' rinnovazzjoni fl-UE, b'mod partikolari għall-bini bl-aġħar rendiment. Dan jinkludi mira vinkolanti għall-Istati Membri biex inaqqsu l-użu medju tal-enerġija primarja tal-istokk kollu tagħhom tal-bini residenzjali b'16 % sal-2030 (meta mqabbel mal-2020). Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu din il-mira u kif għandhom jilħquha fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom ta' rinnovazzjoni tal-bini, li, sa tmiem l-2026, jenħtieġ li jissostitwixxu l-istrategġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul stabbiliti fid-Direttiva tal-2010³. Fl-aħħar nett, ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2019/786 tal-Kummissjoni dwar ir-rinnovazzjonijiet tal-bini ddefinjiet il-livelli differenti ta' rinnovazzjonijiet (ħfief, medji u profondi). Fil-livell tal-UE, l-oġettiv huwa wkoll li l-istokk kollu tal-bini jsir effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

05 Fi Frar 2021, daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19⁴ L-RRF kellha l-mira wkoll li tgħin lill-Istati Membri jħejju aħjar għall-isfidi u għall-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. F'Jannar 2026, hija kienet immobilizzat EUR 577 biljun f'għotjiet u self biex tappoġġa riformi u investimenti fl-Istati Membri tal-UE. F'Mejju 2022, l-Unjoni Ewropea adottat il-Pjan REPowerEU biex tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi, filwaqt li żiedet EUR 21 biljun f'għotjiet lill-RRF. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri jew issupplimentaw il-miżuri eżistenti tagħhom tal-effiċjenza fl-enerġija taħt l-RRF jew żiedu miżuri ġodda. F'Jannar 2026, il-kost stmat tal-miżuri biex tiġi promossa l-effiċjenza fl-enerġija fil-bini residenzjali kienet ta' madwar EUR 43 biljun, madwar 8 % tal-ammont mobilizzat taħt l-RRF (l-investimenti jirrappreżentaw 99 % tal-kostijiet).

² *Ibid.*

³ Id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

⁴ Ir-Regolament dwar l-RRF.

Rwoli u responsabbiltajiet

- 06** Il-Kummissjoni timmaniġġja l-RRF b'mod dirett. It-Task Force għar-Riformi u għall-Investimenti (SG REFORM), u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DG ECFIN) huma l-partijiet prinċipali responsabbli. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs) u mill-approvazzjoni tat-talbiet għall-pagament tal-Istati Membri flimkien mal-Kunsill⁵. Il-Kummissjoni hija responsabbli wkoll mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF u mir-rappurtar tal-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tagħha, pereżempju bl-użu ta' indikaturi komuni⁶. Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DG ENER) tal-Kummissjoni jiżviluppa, jimplimenta u jikkoordina l-politiki relatati mal-enerġija — inkluża l-effiċjenza fl-enerġija.
- 07** Kull Stat Membru jippreżenta NRRP, li jinkludi sensiela ta' miżuri li jinkludu investimenti u riformi. L-Istati Membri jeħtiġilhom jindikaw il-kostijiet stmati għal kull miżura sabiex jiġġustifikaw l-ammont ta' għotjiet jew self mitluba taħt l-RRF⁷. Għal xi miżuri, normalment riformi, l-Istati Membri ma stmawx il-kostijiet. Skont ir-Regolament dwar l-RRF, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu talba motivata biex jemendaw il-pjanijiet tagħhom⁸, meta dan ikun iġġustifikat minn ċirkustanzi oġġettivi. F'dan il-każ, jeħtiġilhom juru li l-istadji importanti u l-miri eżistenti ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament jew parzjalment. L-emendi jistgħu jinvolvu bidliet fil-kostijiet stmati tal-miżuri eżistenti, is-sostituzzjoni ta' miżuri approvati qabel, jew bidliet fi stadji importanti u miri approvati qabel.
- 08** Il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-Istati Membri ssodisfawx kif xieraq l-istadji importanti u l-miri għar-riformi u għall-investimenti assoċjati mat-talba għall-pagament. Jekk tkun sodisfatta li dan huwa l-każ, il-Kummissjoni tiżborża l-fondi tal-RRF lill-Istati Membri. Il-**Figura 1** turi d-diversi rwoli u responsabbiltajiet.


⁵ *Ibid.*, l-Artikolu 20.

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106 li jistabbilixxi l-indikaturi komuni.

⁷ L-Anness V, il-punt 3, tar-Regolament (UE) 2021/241.

⁸ *Ibid.*, l-Artikolu 21.

Figura 1 | Rwoli u responsabbiltajiet fi ħdan l-RRF




Sors: il-QEA, abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli u d-dokumenti ta' sostenn.

Ambitu u approċċ tal-awditu

09 L-għan tal-awditu li wettaqna kien li nivvalutaw jekk il-miżuri tal-RRF (jiġifieri l-investimenti u r-riformi) ikkontribwewx għall-effiċjenza fl-enerġija tal-bini residenzjali. L-awditu kopra l-perjodu minn Frar 2020 (id-data tal-bidu tal-implimentazzjoni tal-RRF) sa Diċembru 2025. L-analiżi li wettaqna kkonċentrat fuq nuqqasijiet possibbli li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-RRF u l-gwida li taffettwa kif ġew stabbiliti l-miżuri; jekk il-miżuri kinux qed jagħmlu progress skont il-pjan, jew ġewx riveduti b'mod xieraq; jekk kinux qed jagħtu riżultati f'termini ta' ffrankar enerġetiku u kif dawn ir-riżultati ġew immonitorjati.

10 Il-**Figura 2** turi kif ksibna l-evidenza għall-osservazzjonijiet tagħna. Il-metodoloġija tal-awditjar tagħna tikkonforma mal-istandards internazzjonali tal-awditjar maħruġa mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI).

Figura 2 | Lx-xogħol tal-awditjar li wettaqna



Sors: il-QEA.

Anness II — Lista ta' miżuri awditjati

Investimenti

Kodiċi tal-investiment	Isem l-investiment	Rekwiżit tal-effiċjenza fl-enerġija
BE-C[C11]-I[I-101.S4]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fi Flanders	30 %
BE-C[C11]-I[I-102.S5]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fi Brussell Kapitali	30 %
BE-C[C11]-I[I-103.S6]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż	30 %
BE-C[C71]-I[I-701]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fi Brussell Kapitali (REPowerEU) — introjtu baxx	xejn
BE-C[C71]-I[I-702]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fi Flanders (REPowerEU)	xejn
BE-C[C71]-I[I-703]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż (REPowerEU)	xejn
BE-C[C71]-I[I-704]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali f'Wallonia	xejn
BE-C[C71]-I[I-726]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata f'Wallonia	xejn
IT-C[M2C3]-I[I2.1]	Superbonus	30 %
IT-C[M2C3]-I[I3.1]	Promozzjoni ta' tiżhin distrettwali effiċjenti	mhux applikabbli
IT-C[M7]-I[I17]	Strument finanzjarju għar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija tal-akkomodazzjoni pubblika u soċjali	30 %
CY-C[C2.1]-I[I2]	Promozzjoni ta' miżuri individwali tal-effiċjenza fl-enerġija	30 %
CY-C[C2.1]-I[I7]	Miters Intelliġenti	xejn
CY-C[C3.4]-I[I6]	Rinnovazzjonijiet fiċ-Ċentru Storiku ta' Nikosija	xejn
CY-C[C6.1]-I[I1]	Promozzjoni ta' miżuri individwali tal-effiċjenza fl-enerġija (REPowerEU)	30 %
CY-C[C6.1]-I[I3]	Promozzjoni ta' titjib estensiv tal-enerġija tal-istokk tal-akkomodazzjoni	30 %
LT-C[C8]-I[H-1-1.H-1-1-1-a]	Rinnovazzjoni tal-bini ta' dimostrazzjoni b'pannelli tal-injam	30 %
LT-C[C8]-I[H-1-1.H-1-1-2-]	Rinnovazzjoni tal-bini — blokka ta' appartamenti (REPowerEU)	30 %

Riformi

Kodiċi tal-miżura	Isem il-miżura	Rekwiżit tal-effiċjenza fl-enerġija
BE-C[C11]-R[R-101.S1]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fi Flanders (inkluż Punt uniku ta' servizz u r-reviżjoni tal-iskema tal-ittikkettar enerġetiku)	xejn
BE-C[C11]-R[R-102.S2]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fi Brussell Kapitali	xejn
BE-C[C11]-R[R-103.S3]	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż	xejn
BE-C[C71]-R[R-701]	Reviżjoni tal-kodiċi dwar l-arja, il-klima u l-enerġija	mhux applikabbli
IT-C[M2C3]-R[R1.1]	Simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-interventi tal-effiċjenza fl-enerġija	mhux applikabbli
CY-C[C2.1]-R[R3]	Punti Uniċi ta' Servizz Diġitali	mhux applikabbli
LT-C[C2]-R[B-1-3-.B-1-3-1-a-]	Aġġornament tal-qafas ta' rinnovazzjoni tal-bini	mhux applikabbli
LT-C[C2]-R[B-1-3-.B-1-3-2-]	Punt uniku ta' servizz	30 %
LT-C[C2]-R[B-1-3-.B-1-3-3-]	Pannelli tal-injam għar-rinnovazzjoni tal-bini	mhux applikabbli
LT-C[C2]-R[B-1-3-.B-1-3-4-]	Rinnovazzjoni tal-bini — blokka ta' appartamenti	30 %

Sors: il-QEA, abbażi tal-NRRPs.

Anness III — Valutazzjoni mill-QEA dwar il-fattibbiltà tal-miżuri

Pajjiż	Miżura	Reviżjoni tal-mira	Valutazzjoni mill-QEA tal-fattibbiltà
Il-Belġju	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fi Flanders	-35 %	imdewma
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fi Brussell Kapitali	-23 %	fit-triq it-tajba
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż	-87 %	imdewma
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fi Brussell Kapitali (REPowerEU) — introjtu baxx	20 %	fit-triq it-tajba
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fi Flanders (REPowerEU)	L-ebda mira assoċjata mal-miżura*	mhux disponibbli
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż (REPowerEU)	-5 %	riskju ta' dewmien
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali f'Wallonia	-57 %	imdewma
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata f'Wallonia	L-ebda bidla	riskji ta' dewmien

	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fi Flanders (inkluż Punt uniku ta' servizz u r-reviżjoni tal-iskema tal-ittikkettar enerġetiku)	3 %	fit-triq it-tajba
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fi Brussell Kapitali (inkluż Punt uniku ta' servizz)	-10 %	fit-triq it-tajba
	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż	-100 % (miżura kkanċellata)	ikkanċellata
	Reviżjoni tal-kodiċi dwar l-arja, il-klima u l-enerġija	L-ebda mira assoċjata mal-miżura*	lesta
L-Italja	Superbonus	12 %	fit-triq it-tajba
	Promozzjoni ta' tiżhin distrettwali effiċjenti	50 %	imdewma
	Strument finanzjarju għar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija tal-akkomodazzjoni pubblika u soċjali	0 %	imdewma
	Simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-interventi tal-effiċjenza fl-enerġija	L-ebda mira assoċjata mal-miżura*	lesta
Ċipru	Promozzjoni ta' miżuri individwali tal-effiċjenza fl-enerġija	14 %	fit-triq it-tajba
	Miters Intelliġenti	-50 %	imdewma

	Rinnovazzjonijiet fiċ-Ċentru Storiku ta' Nikosija	-45 %	imdewma
	Promozzjoni ta' miżuri individwali tal-effiċjenza fl-enerġija (REPowerEU)	52 %	fit-triq it-tajba
	Promozzjoni ta' titjib estensiv tal-enerġija tal-istokk tal-akkomodazzjoni	-27 %	riskji ta' dewmien
	Punti Uniċi ta' Servizz Diġitali	L-ebda mira assoċjata mal-miżura*	lesta
Il-Litwanja	Rinnovazzjoni tal-bini ta' dimostrazzjoni b'pannelli tal-injam	-25 %	imdewma
	Rinnovazzjoni tal-bini — blokka ta' appartamenti (REPowerEU)	13 %	riskji ta' dewmien
	Aġġornament tal-qafas ta' rinnovazzjoni tal-bini	L-ebda mira assoċjata mal-miżura*	imdewma
	Punt uniku ta' servizz	L-ebda mira assoċjata mal-miżura*	imdewma
	Pannelli tal-injam għar-rinnovazzjoni tal-bini	-64 %	imdewma
	Rinnovazzjoni tal-bini — blokka ta' appartamenti	-32 %	imdewma

Nota: * = il-miżura kellha biss stadji importanti assoċjati magħha.

Sors: il-QEA, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni/Spjegazzjoni
EPC	Ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija
GWh	Gigawatt-siegħa
Ktoe	Kilotunnellati ta' ekwivalenti ta' żejt
KWh	Kilowatt-siegħa
MWh	Megawatt siegħa
NECP	Pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima
NRRP	Pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza
PV	Fotovoltajku
QFP	Qafas finanzjarju pluriennali
RRF	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Glossarju

Terminu	Definizzjoni/Spjegazzjoni
Ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija	Dokument li jipprovdni informazzjoni dwar kemm hija meħtieġa enerġija għal bini jew unità ta' bini, inklużi elementi bħall-enerġija għat-tisħin, għat-tkessiġ, għall-ventilazzjoni, għall-ilma sħun u għat-tidwil.
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill	Dokument li permezz tiegħu, abbażi ta' valutazzjoni mingħand il-Kummissjoni, il-Kunsill japprova l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Stat Membru.
Dekarbonizzazzjoni	Tranżizzjoni għal sistema ekonomika b'emissjonijiet imnaqqsa ta' diossidu tal-karbonju u ta' gassijiet serra oħra.
Diskrepanza fir-rendiment	Id-differenza bejn il-konsum tal-enerġija stmat/teoretiku u dak reali.
Effett ta' intrappolament	Sitwazzjoni fejn, minħabba raġunijiet tekniċi jew finanzjarji, ladarba tittieħed deċiżjoni huwa impossibbli li wieħed jimxi għal alternattiva aħjar f'data aktar tard.
Effiċjenza fl-enerġija	Proporzjon bejn il-produzzjoni ta' sistema jew apparat u l-enerġija kkunsmata, imfisser bħala perċentwal.
Eliġibbiltà	L-idoneità tal-miżuri li għandhom jitqiesu għall-finanzjament mill-RRF, abbażi ta' kundizzjonijiet li jinkludu l-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà u l-prinċipji tal-addizzjonalità, "la tagħmilx ħsara sinifikanti", u n-nuqqas ta' sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19, jiġi stimulat l-irkupru u jintlaħqu l-isfidi ta' futur aktar ekoloġiku u aktar diġitali.
Indikatur komuni	Il-kejl tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri u, għalhekk, lejn l-ilħuq tal-oġettivi tal-RRF.
Investiment	Nefqa fuq attività, proġett jew azzjoni oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-RRF li hija mistennija ġġib riżultati ta' benefiċċju għas-soċjetà, għall-ekonomija jew għall-ambjent.
Klassifikazzjoni tal-enerġija	Indikatur standardizzat li juri l-effiċjenza fl-enerġija ta' bini.
Konsum finali tal-enerġija	L-enerġija totali kkunsmata mill-utenti finali, bħall-unitajiet domestiċi, l-industrija u l-agrikoltura, għajr dik li tintuża mis-settur tal-enerġija nnifsu.
Konsum primarju tal-enerġija	Id-domanda totali għall-enerġija, inklużi l-konsum mis-settur tal-enerġija nnifsu, it-telf matul it-trasformazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, u l-konsum finali tal-enerġija, iżda eskluż l-użu ta' vetturi tal-enerġija għal skopijiet mhux ta' enerġija (eż. petrolium għall-produzzjoni tal-plastik).

Mira	Kejl kwantitattiv tal-progress ta' Stat Membru lejn it-tlestija ta' riforma speċifika jew investiment speċifiku fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.
Mira klimatika	L-oġġettiv tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.
Mira tal-enerġija	L-oġġettiv tal-UE li żżid il-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija kif ukoll li tnaqqas il-konsum finali tal-enerġija
Next Generation EU	Pakkett ta' finanzjament biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jirkupraw mill-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19.
Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza	Dokument li jistabbilixxi r-riformi u l-investimenti intenzjonati ta' Stat Membru fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
REPowerEU	Inizjattiva tal-UE biex tintemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, jiġu ddiversifikati l-provvisti tal-enerġija u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.
Riforma	Fil-kuntest tal-RRF, bidla li tirriżulta f'titjib sinifikanti u dejjiemi fil-funzjonament ta' suq, politika, jew strutturi istituzzjonali jew amministrattivi, jew fi progress sinifikanti lejn oġġettivi ta' politika bħat-tkabbir u l-impjiegi, ir-reżiljenza u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.
Rinnovazzjoni profonda	Xogħol ta' titjib tal-bini li jirriżulta f'iffrankar enerġetiku sinifikanti ħafna (tipikament aktar minn 60 %).
Stadju importanti	Kejl kwalitattiv tal-progress ta' Stat Membru lejn it-tlestija ta' riforma jew investiment fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.
Stokk tal-bini	Il-bini kollu f'żona ġeografika partikolari.
Strateġija nazzjonali ta' rinnovazzjoni fit-tul	Dokument imfassal minn Stat Membru tal-UE, li jistabbilixxi kif biġisieb, sal-2050, jiddekarbonizza l-istokk tal-bini nazzjonali tiegħu u jagħmlu effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija.
Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF	Is-sit elettroniku tal-Kummissjoni li juri kif qed tavanza l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri.
Valutazzjoni tal-ħtiġijiet	Evalwazzjoni sistematika biex jiġu identifikati r-rekwiżiti, jiġu ddeterminati l-prijoritajiet u jiġu allokati r-riżorsi b'mod effettiv.
Żmien tal-ħlas lura	Iż-żmien meħtieġ biex investiment iħallas lura l-kost inizjali tiegħu billi jiġġenera tfaddil jew dħul.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2026-20>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2026-20>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għar-rendiment jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tar-rendiment twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Nikolaos Milionis, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Kristian Sniter, Kap tal-Kabinett, Aris Konstantinidis u Katarzyna Radecka-Moroz, Attaché tal-Kabinett; Florence Fornaroli, Maniġer Prinċipali; Antonella Stasia, Kap tal-Kompitu; Dirk Neumeister, Lucia Rosca and Asimina Petri, Awdituri. Alexandra-Elena Mazilu pprovdiet appoġġ grafiku.



Mix-xellug għal-lemin: Florence Fornaroli, Antonella Stasia, Asimina Petri, Kristian Sniter, Nikolaos Milionis, Dirk Neumeister, Aris Konstantinidis u Alexandra-Elena Mazilu.

DRITTIJJET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-qoxra: © David Zarzosa — stock.adobe.com

L-ikoni li jintużaw fil-Figura 6 fl-Anness I: www.flaticon.com

Il-bnadar li jintużaw fil-Figura 6, il-Figura 7, il-Figura 8 u l-Figura 10: www.flaticon.com

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jstax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-7929-5	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/1238126	QJ-01-26-033-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-7930-1	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/7353806	QJ-01-26-033-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, [ir-Rapport Speċjali 20/2026](#) “It-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija tad-djar privati bl-RRF — Appoġġ finanzjarju wiesa’, iżda bi dgħufijiet fis-sisien”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

Kwart tal-konsum tal-enerġija fl-UE jiġi minn bini residenzjali. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza allokat EUR 43 biljun għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija ta' dan il-bini u għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija. Ix-xogħol li wettaqna identifika nuqqasijiet fl-istabbiliment tal-miżuri, li ma kinux immirati direttament lejn ir-rinnovazzjonijiet profondi. Sibna wkoll dewmien fl-implimentazzjoni u dgħufijiet fil-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-miżuri. L-informazzjoni dwar l-iffrankar enerġetiku ma kinitx affidabbli, kumparabbli jew dettaljata biżżejjed u l-kosteffettività tar-rinnovazzjonijiet tal-bini ma ġietx traċċata. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għandhom l-għan li jtejbu l-immirar tal-miżuri ta' rinnovazzjoni, l-affidabbiltà tal-iffrankar enerġetiku rrappurtat u l-evalwazzjoni tar-risultati u tal-kosteffettività tal-miżuri.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors